

MT

L-attivitajiet li wettaqna fl-2022

Rapport Annwali tal-Attività
tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1
Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023

| | | | | |
|-------|------------------------|----------------|--------------------|-------------------|
| Print | ISBN 978-92-847-9811-7 | ISSN 1831-1318 | doi:10.2865/819008 | QJ-AA-23-001-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-847-9806-3 | ISSN 2362-9568 | doi:10.2865/258660 | QJ-AA-23-001-MT-N |
| HTML | ISBN 978-92-847-9812-4 | ISSN 2362-9568 | doi:10.2865/72031 | QJ-AA-23-001-MT-Q |

L-attivitajiet li wettaqna fl-2022

Rapport Annwali tal-Attività
tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Werrej

| | |
|---|----|
| Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri | 5 |
| Daħla tal-President | 6 |
| Daqqa t'għajn lejn l-2022 | 8 |
| L-attivitajiet li wettaqna | 9 |
| L-istrateġija tagħna għall-perjodu 2021-2025 | 9 |
| Awditjar tal-prestazzjoni u r-regolarità tal-azzjonijiet li ttieħdu mill-UE | 10 |
| Programm ta' Ħidma | 11 |
| Xogħol tal-awditjar fuq il-post | 12 |
| Ir-rapporti tagħna | 14 |
| Ġurnal tal-QEA | 30 |
| Konferenzi u webinars | 31 |
| Trasformazzjoni diġitali tal-awditjar | 32 |
| Relazzjonijiet istituzzjonali | 34 |
| Kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet supremi tal-awditjar oħra | 38 |
| Il-maniġment tagħna | 41 |
| Membri | 41 |
| Awli tal-awditjar u kumitati | 44 |
| Kejl tal-prestazzjoni | 45 |
| Il-persunal tagħna | 52 |
| Allokazzjoni tal-persunal | 52 |
| Reklutaġġ | 52 |
| Profil tal-etajiet | 53 |
| Opportunitajiet indaqs | 54 |
| Etika | 56 |

| | |
|---------------------------------------|----|
| Appoġġ għall-awditjar | 57 |
| Metodoloġija tal-awditjar | 57 |
| Taħriġ professjonali | 57 |
| Traduzzjoni | 59 |
| Ċibersigurtà | 59 |
| Binjiet | 60 |
| Ġestjoni ambjentali | 61 |
| L-obbligu ta' rendikont tagħna | 63 |
| Informazzjoni finanzjarja | 63 |
| Awditjar intern u estern | 65 |

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Min aħna

- il-QEA hija l-awditur estern tal-Unjoni Ewropea;
- stabbilita bit-Trattat ta' Brussell tal-1975, bdiet topera f'Ottubru 1977;
- Istituzzjoni Ewropea sa mill-1993 taħt it-Trattat ta' Maastricht;
- is-sede tagħha tinsab fil-Lussemburgu;
- hija korp kolleġġjali ta' 27 Membru, wieħed minn kull Stat Membru tal-UE, maħtur mill-Kunsill b'segwitu għal konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew;
- timpjega madwar 950 membru tal-persunal, min-nazzjonalitajiet kollha tal-UE.

X'nagħmlu

- niżguraw li l-kontijiet tal-UE jinżammu b'mod xieraq, u li din tapplika r-regoli finanzjarji tagħha b'mod korrett, u li l-politiki u l-programmi tal-UE jilħqu l-oġġettivi intenzjonati tagħhom u jipprovdu valur għall-flus;
- nikkontribwixxu għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE u nipromwovu l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza;
- inwissu dwar il-possibbiltà ta' riskji, niprovdu aċċertament, nindikaw fejn ikun hemm nuqqasijiet u suċċessi, u noffru gwida lil dawk li jfasslu l-politika u lil-leġiżlaturi tal-UE;
- nippreżentaw l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħna lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-gvernijiet u l-parlamenti nazzjonali, kif ukoll lill-pubbliku ġenerali.

Daħla tal-President



Għażiż qarrej,

Fl-2022, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, filwaqt li għadhom iħabbtu wiċċhom mal-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 u tat-tibdil rapidu fil-klima, iffaċċjaw kriżi oħra: kriżi enormi tal-enerġija, tas-sigurtà u tal-migrazzjoni kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna. Dawn l-avvenimenti kollha għandhom impatt konsiderevoli fuq iċ-ċittadini tal-UE, l-ekonomija tal-Unjoni Ewropea u r-relazzjonijiet globali tagħha.

F'dawn iż-żminijiet diffiċli, l-UE qed tipprovdi assistenza finanzjarja fuq skala mingħajr preċedent. Matul il-perjodu 2021-2027, l-UE se tkun tista' tonfoq EUR 1.8 triljun. Dan jinkludi sa EUR 0.8 triljun għall-istrument għall-irkupru, in-"Next Generation European Union" (NGEU).

Bħala awdituri esterni, aħna nipprovdu valutazzjoni imparzjali tal-politiki u l-programmi tal-UE, kif ukoll tal-kwalità tal-ġestjoni finanzjarja tal-fondi tal-UE fl-Unjoni kollha u lil hinn minnha. Aħna nivverifikaw jekk l-infiq tal-UE jkunx konformi mar-regoli, u jekk il-politiki u l-programmi tagħha jkunux qed jipprovdu valur għall-flus. L-istrateġija tagħna għall-perjodu 2021-2025 qed tiggwida l-isforzi tagħna biex nawditjaw il-finanzi tal-UE matul is-snin li ġejjin, nagħmlu l-bidliet meħtieġa fl-organizzazzjoni tagħna u nużaw ir-riżorsi tagħna b'mod effettiv u effiċjenti.

Dan ir-rapport tal-attività jagħti farsa ġenerali lejn il-ħidma u l-pubblikazzjonijiet tagħna fl-2022, li kienet it-tieni sena ta' implimentazzjoni għall-istrateġija l-ġdida tagħna. Barra minn hekk, huwa jipprovdi informazzjoni dwar il-maniġment, il-persunal, l-appoġġ għall-awditjar u l-finanzi tagħna.

FI-2022, ippubblikajna r-rapporti annwali kollha tagħna sad-dati ta' skadenza uffiċjali. Ippubblikajna wkoll 29 rapport, kemm rapporti speċjali kif ukoll dawk analitiċi. FI-aħħar nett, ħriġna tmien opinjonijiet, li jittrattaw ir-regoli finanzjarji l-ġodda applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, il-finanzjament tal-Pjan REPowerEU, strateġija ta' finanzjament diversifikata bħala metodu ta' teħid b'self ġenerali, u l-istabbiliment ta' Fond Soċjali għall-Klima, fost oħrajn.

Aħna nkomplu nuru solidarjetà mal-Ukrajna u nikkundannaw bil-qawwa l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. L-UE jeħtiġilha tkompli turi solidarjetà u għaqda. Bħala l-awditur indipendenti estern tal-UE, se nagħmlu dak kollu li nistgħu biex inkomplu nnettqu r-rwol tagħna.

Iċ-ċittadini tal-UE, kif ukoll il-partijiet ikkonċernati u s-sħab istituzzjonali tagħna, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, jistgħu jorbtu fuqna biex nipprovdulhom rapporti indipendenti u oġġettivi dwar kwistjonijiet ewlenin għall-ġejjieni tal-UE, billi nenfasizzaw dak li jiffunzjona tajjeb, niġbdu l-attenzjoni għal dak li ma jiffunzjonax kif suppost, u nirrakkomandaw bidliet.

Nittamaw li l-informazzjoni fir-Rapport tal-Attività ta' din is-sena tkun utli għalik.



Tony Murphy
Il-President


Daqqa t'għajn lejn l-2022



Progress tajjeb
fl-implimentazzjoni
tal-istrateġija
tagħna għall-
perjodu 2021-2025

29

rapport, li minnhom
3 dwar problemi
relatati mal-COVID-19
u 1 dwar l-NGEU



Opinjoni favorevoli
dwar il-kontijiet
u d-dħul



Opinjoni avversa dwar
in-nefqa



Żieda fir-rata ta' żball
stmata:

3 %



L-ewwel opinjoni
favorevoli dwar in-
nefqa taħt il-Faċilità
għall-Irkupru
u r-Reżiljenza




Żieda sinifikanti fil-
kopertura mill-media

130 000

artiklu online u post fuq
il-media soċjali

437

dehra fil-PE, fil-Kunsill,
fil-parlamenti
nazzjonali/reġjonali
u fil-gvernijiet tal-Istati
Membri



82 %

tar-rispondenti
jsibu li r-rapporti
tagħna huma utli

L-ewwel rapport
dwar is-
sostenibbiltà



L-attivitajiet li wettaqna

L-istrateġija tagħna għall-perjodu 2021-2025

Għal ħafna snin, użajna **strateġiji pluriennali** biex niggwidaw ix-xogħol tal-awditjar li nwettqu, nipromwovu bidla organizzattiva għal titjib kontinwu u nibqgħu fuq quddiem nett tal-iżvilupp fl-awditjar tas-settur pubbliku.



**2022: implimentazzjoni
tal-istrateġija – progress tajjeb**

Fi tmiem l-2022, aħna kkompletajna t-tieni sena tal-**istrateġija tagħna għall-perjodu 2021-2025**. L-**għanijiet strateġiċi** tagħna għal dan il-perjodu ta' ħames snin huma li: isir titjib f'dak li jirrigwarda l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza u l-arranġamenti tal-awditjar f'kull tip ta' azzjoni li tittieħed mill-UE; l-awditi li nwettqu jġu mmirati lejn l-oqsma u s-suġġetti fejn aħna nistgħu nipprovdu l-aktar valur miżjud; l-għoti ta' aċċertament qawwi tal-awditjar, f'ambjent diffiċli u li qed jinbidel.

Biex inqiegħdu l-istrateġija tagħna fil-prattika, qbilna dwar **miżuri ta' implimentazzjoni** għal kull għan u objettiv, assenjajna responsabbiltajiet, u stabbilejna dati ta' skadenza. Din is-sena komplejna nagħmlu **progress tajjeb** f'diversi azzjonijiet, notevolment:

- għażilna kompiti tal-awditjar li jkopru b'mod xieraq l-oqsma strateġiċi;
- bdejna għadd ta' awditi dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), inkluża l-ewwel opinjoni tal-awditjar tagħna dwar in-nefqa taħt l-RRF f'konformità mal-approċċ strateġiku tagħna għall-inizjattiva "Next Generation EU" (NGEU);
- tejjibna l-qafas ta' ġestjoni tal-għarfien tagħna;
- abbozzajna approċċi tal-awditjar strateġiċi dwar il-frodi u l-istat tad-dritt;
- wettaqna analiżi tal-produttività ta' kompiti magħżula biex nidentifikaw oqsma fejn jista' jsir titjib;
- ifformulajna pjan ta' azzjoni għall-kooperazzjoni tagħna mal-pari.

Awditjar tal-prestazzjoni u r-regolarità tal-azzjonijiet li ttieħdu mill-UE



*Awditi tal-prestazzjoni, awditi finanzjarji
u awditi tal-konformità*

L-awditi li nwettqu jipprovdu liċ-ċittadini tal-UE u lil dawk li jfasslu l-politika tagħha rapporti indipendenti u oġġettivi dwar kwistjonijiet ewlenin għall-ġejjieni tal-UE, billi jenfasizzaw dak li jiffunzjona tajjeb, jiġbdu l-attenzjoni għal dak li ma jiffunzjonax kif suppost, u jirrakkomandaw bidliet.

L-**awditi tal-prestazzjoni** li nwettqu jindirizzaw l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività tal-politiki u l-programmi tal-UE. Huma jiffukaw fuq suġġetti li jirriflettu l-problemi li qed tħabbat wiċċha magħhom l-UE, bħal:

- it-tibdil fil-klima, l-ambjent u r-riżorsi naturali;
- il-kompetittività ekonomika tal-Unjoni;
- ir-reżiljenza fil-konfront ta' theddid għas-sigurtà tal-Unjoni, u r-rispett għall-valuri Ewropej tal-libertà, id-demokrazija u l-istat tad-dritt;
- il-politiki fiskali u l-finanzi pubbliċi tal-Unjoni.

Dawn l-awditi għandhom l-għan li jgħinu lill-UE biex tilħaq aħjar l-oġġettivi tal-politika tagħha.

L-**awditi finanzjarji** u l-**awditi tal-konformità** li nwettqu jkopru l-baġit tal-UE, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-baġits tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ). Aħna nipprovdu **Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni** dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali, kif ukoll dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

Aħna nistgħu wkoll inwettqu awditi tal-konformità magħżula, biex neżaminaw l-istat tal-kontabbiltà baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tal-UE, jew biex nivvalutaw jekk is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għall-ġbir u l-infiq tal-fondi tal-UE humiex konformi mar-regoli applikabbli tal-UE u dawk nazzjonali.

Fl-aħħar nett, aħna l-awditur estern għal għadd kbir ta' aġenziji, korpi deċentralizzati u Impriżi Konġunti tal-UE, kif ukoll tal-Iskejjel Ewropej.

Inwettqu l-awditi kollha tagħna f'konformità ma' **standards tal-awditjar għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.**

Programm ta' Ħidma



Il-Programm ta' Ħidma 2023+ tagħna

Il-**Programm ta' Ħidma 2023+** tagħna, li ġie ppubblikat f'Novembru 2022, jiġbed l-attenzjoni għall-prijoritajiet tal-awditjar tagħna għas-snin li ġejjin u jippreżenta fid-dettall it-**82 rapport, kemm rapporti speċjali kif ukoll dawk analitiċi**, li biħsiebna nippubblikaw mill-2023 'il quddiem. Huwa allinjat b'mod qawwi mal-oqsma ta' prijorità stabbiliti fl-istrateġija tagħna għall-perjodu 2021-2025.

Taħt "It-tibdil fil-klima, l-ambjent u r-riżorsi naturali", aħna nippjanaw li nwettqu 21 awditu li jkopru firxa wiesgħa ta' suġġetti, fosthom is-sigurtà tal-enerġija, it-tniġġis, l-azzjonijiet relatati mal-klima u l-produzzjoni sostenibbli tal-ikel.

Taħt "Ir-reżiljenza fil-konfront ta' theddid għas-sigurtà tal-Unjoni, u r-rispett għall-valuri Ewropej tal-libertà, id-demokrazija u l-istat tad-dritt", għandna 14-il kompitu bħall-ugwaljanza għan-nies b'diżabbiltà, l-istat tad-dritt, il-mobbiltà militari u l-għajnuna għar-refuġjati.

Taħt "Il-kompetittività ekonomika tal-Unjoni", aħna nippjanaw li nippubblikaw 12-il rapport li fost l-oħrajn ikopru d-diġitalizzazzjoni tal-iskejjel, it-trasport tal-idroġenu u l-intelliġenza artifiċjali.

Taħt "Il-politiki fiskali u l-finanzi pubbliċi tal-Unjoni", aħna nippjanaw li nwettqu seba' kompiti, bħas-superviżjoni bankarja fl-UE, l-investment dirett barrani u l-irkupru tal-fondi tal-UE.

Fuq quddiem nett fl-aġenda tagħna hemm ukoll l-istrument għall-irkupru, jiġifieri l-inizjattiva Next Generation EU (NGEU), li jipprovdi sa EUR 0.8 triljun biex jintefqu f'perjodu qasir. Aħna nippjanaw li nippubblikaw 12-il rapport tal-awditjar li jeżaminaw l-NGEU, li prinċipalment ikopru l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Inħejju l-programm ta' ħidma tal-awditjar tagħna **b'mod indipendenti**, iżda mhux b'mod iżolat. Nikkomunikaw ukoll mal-partijiet ikkonċernati istituzzjonali tagħna u b'mod partikolari mal-**Parlament Ewropew**. Il-kumitati parlamentari ppreżentaw **131 suġġeriment dwar l-awditjar** għall-Programm ta' Ħidma 2023+. Kważi żewġ terzi ta' dawn is-suġġerimenti qed jiġu kompletament jew parzjalment adottati fix-xogħol li għaddej bħalissa jew se jiġu adottati fix-xogħol tal-ġejjieni, jew diġà ġew koperti fir-rapporti l-aktar reċenti tagħna. Irċevejna wkoll tmien ideat addizzjonali tal-awditjar li ġew ippreżentati minn disa' **Rappreżentazzjonijiet Permanenti tal-Istati Membri**. Il-kooperazzjoni tagħna tmur lil hinn mill-istituzzjonijiet tal-UE. Fl-2022, irċevejna wkoll 29 proposta tal-awditjar minn 6 parlamenti nazzjonali b'rabta mal-isfidi attwali li qed iħabbtu wiċċhom magħhom l-UE u l-Istati Membri tagħha.



Xogħol tal-awditjar fuq il-post

Il-biċċa l-kbira mix-xogħol tal-awditjar li nwettqu jsir fis-sede tagħna fil-Lussemburgu. L-awdituri tagħna jagħmlu wkoll għadd kbir ta' żjarat lill-**Kummissjoni Ewropea** – l-entità awditjata prinċipali tagħna – u lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE, lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Istati Membri, lid-delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi mhux tal-UE, kif ukoll lill-organizzazzjonijiet internazzjonali li jimmaniġġjaw il-fondi tal-UE.

Inżuru wkoll lir-riċevituri tal-fondi tal-UE, fuq il-post, kemm **fi ħdan l-UE** kif ukoll **lil hinn mill-fruntieri tagħha**. Permezz ta' dawn il-verifiki, aħna nsewgu r-rendikont tal-entrati u niksbu evidenza diretta għall-awditjar mingħand dawk involuti fil-ġestjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE u fil-ġbir jew fil-ħlas ta' fondi tal-UE, kif ukoll mingħand il-benefiċjarji. FI-2022, wara li tnaqqsu r-restrizzjonijiet b'rabta mal-COVID, aħna żidna l-verifiki fuq il-post tagħna b'mod sostanzjali, iżda wħud mill-verifiki xorta wettaqniehom b'mod virtwali. B'ħarsitna lejn il-futur, se nistinkaw biex napplikaw b'suċċess l-esperjenza tas-snin tal-pandemija u nsaħħu l-valur miżjud u l-effiċjenza taż-żjarat tagħna fuq il-post billi nikkombinawhom ma' ħidma virtwali.




Verifiki fuq il-post

It-timijiet tal-awditjar tagħna huma ġeneralment magħmulin minn żewġ awdituri jew tlieta, filwaqt li ż-żjarat tal-awditjar tagħna jvarjaw fit-tul minn ftit jiem għal ftit ġimgħat. Il-**verifiki fuq il-post** li aħna nwettqu ġewwa l-UE jiġu ġeneralment ikkoordinati f'kollegament mal-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar (SAIs) tal-Istati Membri kkonċernati.

Fl-2022 żidna ż-żjarat tagħna fuq il-post meta mqabbla mas-sentejn preċedenti, meta kienu għadhom fis-seħħ ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u s-saħħa pubblika relatati mal-COVID-19. B'kollox qattajna 2 039 jum fl-**Istati Membri u barra mit-territorju tal-UE** meta mqabbla ma' 857 jum fl-2021, 1 190 jum fl-2020 u 3 605 ijiem fl-2019. L-awdituri tagħna qattgħu wkoll **945 jum fl-istituzzjonijiet tal-UE**, f'aġenziji u korpi deċentralizzati madwar l-UE, f'Impriżi Konġunti, f'organizzazzjonijiet internazzjonali bħan-Nazzjonijiet Uniti u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), u f'ditti privati tal-awditjar. Iċ-ċifri korrispondenti għall-2021, għall-2020 u għall-2019 kienu ta' 299, 627 u 2 504 ijiem, rispettivament.

Fl-istess ħin, inqdejna aktar bl-awditjar mill-bogħod u billi għarna evidenza b'mod elettroniku. Użajna għodod tal-**vidjokonferenzi** u **teknoloġija oħra tal-informazzjoni**, bħall-kondiviżjoni sikura ta' *data* u ta' dokumenti, biex ninteraġixxu mal-entitajiet awditjati tagħna.



Ir-rapporti tagħna

Ir-rapporti tal-awditjar, ir-rapporti analitiċi u l-opinjoni tagħna huma element essenzjali tal-**katina ta' obbligu ta' rendikont tal-UE**. Huma jgħinu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jimmonitorjaw u jiskrutinizzaw l-ilħuq tal-oġġettivi ta' politika tal-UE, u biex jitolbu li jingħata rendikont minn dawk responsabbli għall-ġestjoni tal-baġit tal-UE, b'mod partikolari fil-kuntest tal-proċedura annwali ta' kwittanza.

Rapporti speċjali u rapporti analitiċi

Fl-2022, **ippublikajna 29 rapport speċjali u rapport analitiku** li jindirizzaw ħafna mill-isfidi li qed tħabbat wiċċha magħhom l-UE **fl-oqsma differenti ta' nfiq u ta' politiki tal-UE**. Dawn kienu jinkludu l-azzjoni klimatika, l-effiċjenza fl-enerġija, in-networks tal-5G, iċ-ċibersigurtà, il-frodi fil-PAK u l-istat tad-dritt, biex insemmu biss ftit minnhom. Tlieta mir-rapporti kienu marbuta mal-COVID-19; wieħed kien jikkonċerna l-moviment liberu fl-UE matul il-pandemija, ieħor kien dwar ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-ieħor dwar l-akkwist tal-vaċċini. Iffinalizzajna wkoll l-ewwel rapport speċjali tagħna dwar Next Generation EU, l-inizjattiva għall-irkupru: il-valutazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza.

Fir-**rapporti speċjali** tagħna, aħna neżaminaw jekk l-oġġettivi tal-politiki u l-programmi magħżula tal-UE ntlaħqux, jekk ir-riżultati nkisbux b'mod effettiv u effiċjenti, u jekk l-azzjoni tal-UE pprovdietx **valur miżjud** – jiġifieri jekk permezz tagħha nkisbux riżultati aħjar milli setgħu nkisbu kieku l-azzjonijiet twettqu fuq livell nazzjonali biss. F'dawn ir-rapporti, aħna nagħmlu wkoll **rakkomandazzjonijiet**, fejn nidentifikaw modi kif jistgħu jiġu ffrankati l-flus, isir xogħol aħjar, tiġi evitata l-ħela jew jintlaħqu l-oġġettivi ta' politika mistennija b'mod aktar effettiv.

Ir-**rapporti analitiċi** tagħna għandhom l-għan li jipprovdu deskrizzjonijiet li jispjegaw il-kuntest kif ukoll analiżi, spiss minn perspettiva trażversali u fuq il-bażi ta' xogħol tal-awditjar preċedenti jew ta' informazzjoni oħra li tkun disponibbli għall-pubbliku. Nistgħu nużawhom ukoll biex nippreżentaw l-analiżi tagħna ta' oqsma jew kwistjonijiet li nkunu għadna ma awditjajniex, jew biex nistabbilixxu fatti dwar suġġetti jew problemi speċifiċi. Għall-kuntrarju tal-awditi, dawn ma jindirizzawx mistoqsijiet evalwattivi u lanqas ma jipprovdu aċċertament.

Il-paġni li ġejjin jipprovdu fehim approfondit dwar xogħolna kif ukoll **eżempji ta' rapporti speċjali mill-2022** li jkopru oqsma ta' politika differenti.

Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali

Ir-Rapport Speċjali 19/2022: L-akkwist ta' vaċċini kontra l-COVID-19 fl-UE – Ġew iggarantiti dożi suffiċjenti wara l-isfidi inizjali, iżda l-prestazzjoni tal-proċess ma ġietx ivvalutata b' mod suffiċjenti



L-UE identifikat il-vaċċini bħala prijorità fir-rispons għall-COVID-19 fi stadju bikri tal-pandemija, u bdiet tiffoka fuq l-iżvilupp ta' vaċċin sikur u effiċjenti bħala soluzzjoni biex tintemm il-kriżi tas-saħħa. Hija ħadet miżuri biex tgħin sabiex l-iskeda ta' żmien tal-iżvilupp għall-vaċċini tiġi kompressata minn 10-15-il sena għal 12-24 xahar. Sa Novembru 2021, il-Kummissjoni kienet iffirmit kuntratti b'valur ta' EUR 71 biljun f'isem l-Istati Membri biex tixtri sa 4.6 biljun doża ta' vaċċini kontra l-COVID-19. Il-biċċa l-kbira minn dawn il-kuntratti huma ftehimiet ta' xiri bil-quddiem, li fihom il-Kummissjoni tikkondividi r-riskju tal-iżvilupp ta' vaċċin mal-manifatturi ta' vaċċini u tappoġġa t-tnejn tal-kapaċità ta' produzzjoni fuq skala kbira permezz ta' pagamenti bil-quddiem mill-baġit tal-UE. L-UE esperjenzat xi nuqqasijiet fil-provvista fl-ewwel nofs tal-2021, iżda sa tmiem dik is-sena, kważi 952 miljun doża ta' vaċċini kienu ġew ikkonsenjati lill-Istati Membri tal-UE u 80 % tal-popolazzjoni adulta tal-UE kienu kompletament imlaqqma.

Ivvalutajna jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri akkwistawx il-vaċċini kontra l-COVID-19 b' mod effettiv sa tmiem l-2021.

Sibna li l-UE ħolqot sistema ċentralizzata mfassla apposta għall-akkwist tal-vaċċini, li rnexxielha toħloq portafoll inizjali ta' vaċċini kandidati li jinkludi kumpaniji u teknoloġiji differenti, iżda hija bdiet l-akkwist aktar tard mir-Renju Unit u l-Istati Uniti. Sibna wkoll li n-negozjati segwew proċess ta' akkwist li huwa stabbilit fir-Regolament Finanzjarju tal-UE, filwaqt li n-negozjati preliminari li seħħew qabel ma ntbagħtet stedina għall-offerti kienu l-qalba tal-proċess. Ma rċevjuna ebda informazzjoni dwar in-negozjati preliminari għall-akbar kuntratt tal-UE, immexxija direttament mill-President tal-Kummissjoni Ewropea. It-termini tal-kuntratti evolwew matul iż-żmien u dawk li ġew iffirmati fl-2021 għandhom dispożizzjonijiet dwar kwistjonijiet ewlenin bħall-iskedi tal-konsenji u l-post tal-produzzjoni, li huma aktar b'saħħithom minn dawk li ġew iffirmati fl-2020. Madankollu, il-Kummissjoni kellha ingranaġġ limitat biex tegħleb l-isfidi fil-provvista. Meta l-UE ħabbtet wiċċa ma' nuqqasijiet serji fil-provvista fl-ewwel nofs tal-2021, deher ċar li l-biċċa l-kbira mill-kuntratti ma kinux jinkludu dispożizzjonijiet speċifiċi biex jindirizzaw l-interruzzjonijiet fil-provvista. Barra minn hekk, sibna li l-Kummissjoni għadha ma skrutinizzatx jew ma wettqitx valutazzjoni komparattiva tal-proċess ta' akkwist tagħha biex tislet tagħlimiet għal titjib fil-futur.

Irrakkomandajna li l-Kummissjoni tipproduċi linji gwida dwar l-akkwist f'każ ta' pandemija u/jew tagħlimiet meħuda għal timijiet ta' negozjar futuri; twettaq valutazzjoni tar-riskju fir-rigward tal-approċċ tal-akkwist tal-UE u tipproponi miżuri xierqa; twettaq eżerċizzji biex tittestja l-partijiet kollha tal-qafas aġġornat tagħha ta' akkwist f'każ ta' pandemija, inkluż il-ġbir ta' informazzjoni u intelliġenza, biex tidentifika kwalunkwe dgħufija u qasam fejn jista' jsir titjib, u tippubblika r-riżultati.

Investiment għall-koeżjoni, it-tkabbir u l-inklużjoni

Ir-Rapport Speċjali 03/2022: Tnedija tal-5G fl-UE – dewmien fl-introduzzjoni tan-networks, u problemi ta' sigurtà jibqgħu mhux solvuti



Il-“ħames ġenerazzjoni” tas-sistemi tat-telekomunikazzjoni, jew il-5G, hija standard globali ġdid mingħajr fili li joffri kapaċità tad-*data* u veloċitajiet tat-trażmissjoni ferm ogħla. Is-servizzi tal-5G huma essenzjali għal firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet innovattivi, li għandhom il-potenzjal li jittrasformaw ħafna setturi tal-ekonomiji tagħna u jtejbu l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini. Għalhekk il-5G huwa ta' importanza strateġika għas-suq uniku kollu kemm hu. Fil-Pjan ta' Azzjoni 2016 tagħha tal-5G, il-Kummissjoni ressqet l-oġettiv li tiżgura kopertura tal-5G mingħajr interruzzjoni fiż-żoni urbani u matul il-mogħdijiet prinċipali tat-trasport sal-2025. F'Marzu 2021, hija estendiet l-oġettiv li tiġi inkluża kopertura tal-5G għaż-żoni popolati kollha sal-2030. Filwaqt li l-5G għandu l-potenzjal li jirrilaxxa ħafna opportunitajiet għat-tkabbir, iġib miegħu ċerti riskji. Minħabba n-natura transfruntiera tat-theddid involut, kwalunkwe vulnerabbiltà jew inċident taċ-ċibersigurtà sinifikanti fi Stat Membru wieħed ikunu jolqtu l-UE fl-intier tagħha. Fl-UE kollha, l-ispiża totali tal-introduzzjoni tal-5G tista' tilħaq l-EUR 400 biljun. Fil-perjodu 2014-2020, l-UE pprovdiet finanzjament ta' aktar minn EUR 4 biljun għal proġetti tal-5G.

Aħna vvalutajna jekk il-Kummissjoni tatx appoġġ effettiv lill-Istati Membri biex jilħqu l-oġettivi tal-UE għat-tnedija tan-networks tal-5G tagħhom u biex jindirizzaw it-tħassib dwar is-sigurtà tal-5G b'mod konċertat.

Sibna li hemm dewmien fit-tnedija ta' networks tal-5G min-naħa tal-Istati Membri. Sa tmiem l-2020, 23 Stat Membru kienu nedew servizzi kummerċjali tal-5G u laħqu l-oġettiv intermedju li jkun hemm mill-inqas belt ewlenija waħda b'aċċess għall-5G. Madankollu, mhux l-Istati Membri kollha jirreferu għall-oġettivi tal-UE għall-2025 u l-2030 fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-5G jew fil-pjanijiet tagħhom għall-broadband. Il-livell sa fejn l-Istati Membri għadhom lura, fl-implimentazzjoni tal-5G, iqiegħed l-ilħuq tal-oġettivi tal-UE f'riskju. Lill-Istati Membri, il-Kummissjoni pprovditilhom appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni 2016 għall-5G permezz ta' inizjattivi legali kemm vinkolanti kif ukoll nonvinkolanti, gwida u l-finanzjament ta' riċerka relatata mal-5G. Madankollu, il-Kummissjoni ma ddefinietx b'mod ċar il-kwalità mistennija tas-servizzi tal-5G. Sibna wkoll li s-sett ta' għodod tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà tal-5G jispeċifika sett komuni possibbli ta' miżuri biex jiġi indirizzat it-theddid għas-sigurtà tan-networks tal-5G prinċipali. Madankollu, billi ebda waħda mill-miżuri mressqa mhija legalment vinkolanti, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda setgħa tinfurzahom. Għalhekk, jibqa' riskju li s-sett ta' għodod fih innifsu ma jistax jiggarrantixxi li l-Istati Membri jindirizzaw l-aspetti tas-sigurtà tan-networks b'mod konċertat.

Irrakkomandajna li l-Kummissjoni tippromwovi l-introduzzjoni uniformi u f'waqtha tan-networks tal-5G fi ħdan l-UE; trawwem approċċ konċertat għas-sigurtà tal-5G fost l-Istati Membri; u timmonitorja l-approċċi li l-Istati Membri jieħdu għas-sigurtà tal-5G u tivvaluta l-impatt tad-diverġenzi fuq il-funzjonament effettiv tas-suq uniku.

Azzjoni esterna, sigurtà u ġustizzja

Ir-Rapport Speċjali 01/2022: L-appoġġ mogħti mill-UE għall-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent – minkejja l-isforzi li saru, jippersistu problemi fundamentali



Il-Kunsill tal-Ewropa ddefinixxa l-istat tad-dritt bħala kunċett multidimensjonali li fih, fost affarijiet oħra, l-atti pubbliċi kollha jinsabu fi ftehim il-limiti stabbiliti mill-iġi, f'konformità mal-valuri tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali, u taħt il-kontroll ta' qradi indipendenti u imparzjali. L-UE adottat din id-definizzjoni u stabbiliet l-istat tad-dritt fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) bħala wieħed mill-valuri komuni tal-Istati Membri tagħha. Huwa prinċipju gwida tal-politika barranija tagħha. Huwa wkoll kundizzjoni essenzjali u meħtieġa għas-sħubija mal-UE. Is-sitt pajjiżi tal-Balkani tal-Punent huma pajjiżi kandidati (l-Albanija, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja) jew pajjiżi kandidati potenzjali (il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo¹) għas-sħubija fl-UE. Huma jirċievu finanzjament minn diversi sorsi, iżda l-UE hija l-akbar donatur tar-reġjun. L-assistenza finanzjarja mill-UE tingħata prinċipalment lil dawn il-pajjiżi permezz tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (l-IPA II fiż-żmien meta sar l-awditu). L-istat tad-dritt kien wieħed minn disa' setturi ta' prijorità tal-IPA II. Huwa ngħata appoġġ minn allokkazzjoni baġitarja ddedikata li kienet tammonta għal EUR 700 miljun għall-perjodu 2014-2020.

Aħna vvalutajna jekk l-appoġġ mogħti mill-UE għall-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent matul il-perjodu 2014-2020 kienx effettiv.

Sibna li, filwaqt li l-azzjoni tal-UE kkontribwiet għal riformi f'oqsma tekniċi u operazzjonali, bħat-titjib tal-effiċjenza tal-ġudikatura u l-iżvilupp ta' leġislazzjoni rilevanti, kumplessivament ftit kellha impatt fuq ir-riformi fundamentali tal-istat tad-dritt fir-reġjun. Raġuni ewlenija għal dan hija r-rieda politika domestika insuffiċjenti biex tixpruna r-riformi meħtieġa. Sibna wkoll li l-appoġġ mogħti mill-UE ġewwa l-pajjiż għall-azzjoni tas-soċjetà ċivili dwar l-istat tad-dritt mhuwiex biżżejjed għall-ħtiġijiet tas-settur u l-impatt tiegħu mhuwiex immonitorjat bir-reqqa. Il-libertà tal-espressjoni hija l-qasam li għamel l-inqas progress fis-sitt pajjiżi kollha. F'xi wħud mill-pajjiżi, l-appoġġ pubbliku għar-riformi meħtieġa għall-adeżjoni qed jonqos. Barra minn hekk, sibna li l-IPA II huwa nieqes minn klawżoli ta' kundizzjonalità stretti li jkunu jorbtu direttament ir-riformi tal-istat tad-dritt li jinsabu staġnati mal-finanzjament ristrett f'setturi oħra.

Nirrakkomandaw li l-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) isaħħu l-mekkaniżmu għall-promozzjoni tar-riformi tal-istat tad-dritt fil-proċess tat-tkabbir; jintensifikaw l-appoġġ għas-soċjetà ċivili involuta fir-riformi tal-istat tad-dritt u fl-indipendenza tal-media; jirrinforzaw l-użu tal-kundizzjonalità fl-IPA III; u jsaħħu r-rappurtar u l-monitoraġġ tal-proġetti.

¹ Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mar-Riżoluzzjoni 1244 (1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-sitwazzjoni li tikkonċerna l-Kosovo (UNSCR 1244/1999) u l-Opinjoni Konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ) dwar il-kwistjoni tal-Konformità mad-dritt internazzjonali tad-dikjarazzjoni unilaterali ta' indipendenza fir-rigward tal-Kosovo tat-22 ta' Lulju 2010.

Regolamentazzjoni tas-swieq u ekonomija kompetittiva

Ir-Rapport Speċjali 21/2022: Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza – inġenerali xierqa iżda fadal riskji fl-implimentazzjoni.



F'Lulju 2020, b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19, il-Kunsill Ewropew laħaq qbil dwar fond għall-irkupru ta' aktar minn EUR 800 biljun – NextGeneration EU. Fil-qalba tiegħu hemm il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), li l-ammont tagħha jilħaq EUR 723.8 biljun b'kollox. L-għan tal-RRF huwa li timmitiga l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija u li l-ekonomiji u s-soċjetajiet tal-UE jsiru aktar sostenibbli u reżiljenti għall-futur, b'fokus speċifiku fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Biex jibbenefikaw mill-appoġġ taħt l-RRF, l-Istati Membri sottomettew l-abbozz tagħhom ta' pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs) lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni hija responsabbli mill-valutazzjoni tal-RRPs abbażi ta' kriterji stipulati fir-Regolament dwar l-RRF, kif ukoll mill-forniment ta' gwida u appoġġ lill-Istati Membri f'dak ir-rigward.

Ivvalutajna jekk il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-RRPs kinitx xierqa u jekk il-proċess ta' valutazzjoni u l-gwida għall-Istati Membri ġewx immaniġġjati b'mod effettiv.

Sibna li l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza kienet inġenerali xierqa, meta jitqiesu l-kumplessità tal-proċess u r-restrizzjonijiet ta' ħin. Madankollu, identifikajna għadd ta' dgħufijiet, riskji u oqsma li għandhom jingħataw attenzjoni fil-futur, bħal profili ta' pagament li kienu r-riżultat ta' negozjati, stadji importanti u miri li mhumiex ċari, jew sistemi ta' monitoraġġ u kontroll li kienu għadhom mhux stabbiliti kompletament fiż-żmien meta twettqet il-valutazzjoni.

Irrakkomandajna li l-Kummissjoni ttejjeb il-proċeduri ta' valutazzjoni u d-dokumentazzjoni; tippromwovi l-iskambju ta' prattiki tajbin fost l-Istati Membri; tagħti segwitu lill-kontribut tal-miżuri implimentati għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi; ittejjeb it-trasparenza u l-monitoraġġ tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti"; tiżgura li jkun hemm mekkaniżmi ta' verifika ċari fir-rigward tal-istadji importanti u l-miri u li dawn jiġu ddefiniti b'mod adegwat; tivverifika l-konformità mal-istadji importanti speċifiċi għall-monitoraġġ u l-kontroll, u ttejjeg l-użu tal-għodda tal-Kummissjoni għall-estrazzjoni ta' *data* u l-għoti ta' punteġġ tar-riskju.

Finanzjament u amministrazzjoni tal-Unjoni

Ir-Rapport Speċjali 11/2022: Protezzjoni tal-baġit tal-UE – jeħtieġ li jsir użu aħjar mill-blacklisting

L-UE u l-Istati Membri huma responsabbli b'mod konġunt għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE fir-rigward tal-fondi tal-UE. "Blacklisting" (jew esklużjoni) hija għodda ewlenija li l-korpi internazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali jużaw biex jipproteġu l-finanzi pubbliċi tagħhom. L-oġettiv huwa li jiġi evitat id-dħul fi ftehimiet finanzjarji ma'



kontropartijiet mhux affidabbli, bħal dawk involuti fi frodi, korruzzjoni, imġiba professjonali ħażina, ħasil tal-flus, jew nuqqas ta' ħlas ta' taxxi. FI-2020, l-UE ħallset madwar EUR 150 biljun skont ftehimiet finanzjarji. Mill-2016 'il hawn, il-Kummissjoni kienet u għadha responsabbli biex topera s-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES) għall-kwart tal-infiq tal-UE (EUR 39 biljun) li hija timmaniġġja b'mod dirett jew indirett. Għat-tliet kwarti tal-infiq tal-UE li jinvolve lill-awtoritajiet nazzjonali (EUR 111-il biljun), l-Istati Membri jridu jsegwu obbligi relatati mal-esklużjoni iżda mhumiex meħtieġa jstabbilixxu sistemi ta' esklużjoni jew bażijiet ta' *data, per se*.

Ivvalutajna jekk l-esklużjoni hijiex qed tintuża b'mod effettiv biex tipproteġi l-fondi tal-UE minn kontropartijiet mhux affidabbli.

Sibna li l-esklużjoni mhijiex qed tintuża b'mod effettiv biex tipproteġi l-fondi tal-UE minn kontropartijiet mhux affidabbli. Għalkemm l-EDES għandha firxa wiesgħa ta' sitwazzjonijiet ta' esklużjoni u proċeduri robusti ta' teħid ta' deċiżjonijiet, is-servizzi tal-Kummissjoni rreġistraw ftit li xejn esklużjonijiet fis-sistema minħabba nuqqasijiet fl-arranġamenti għall-identifikazzjoni ta' kontropartijiet f'sitwazzjonijiet ta' esklużjoni. Fil-ġestjoni kondiviża, fejn l-EDES ma tapplikax, l-approċċi differenti tal-Istati Membri jdgħajfu l-effettività kumplessiva tal-użu tal-esklużjoni biex jiġi protett il-baġit tal-UE.

Irrakkomandajna li l-Kummissjoni testendi aktar il-firxa ta' esklużjoni; tqawwi l-implimentazzjoni tal-EDES; ittejjeb il-monitoraġġ tal-EDES taħt ġestjoni indiretta; testendi l-EDES lejn il-ġestjoni kondiviża; tinqeda aħjar bid-*data* u bl-għodod diġitali għal skopijiet ta' esklużjoni.

Rapporti annwali u rapporti annwali speċifiċi

Ir-rapporti annwali prinċipalment jippreżentaw ir-riżultati tad-**Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni ta' Tagħna** dwar il-baġit tal-Unjoni Ewropea, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-baġit tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ), iżda jkopru wkoll aspetti relatati mal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja kif ukoll mal-prestazzjoni.

Ir-rapporti annwali speċifiċi jippreżentaw ix-xogħol tal-awditjar annwali ta' tagħna dwar l-aġenziji tal-UE u korpi oħra tal-Unjoni, l-Impriżi Konġunti, kif ukoll l-Iskejjel Ewropej.

Aħna nipubblikaw ukoll rapport dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mill-attivitajiet imwettqa mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB).



Rapport Annwali dwar il-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2021

Kull sena, aħna nawditjaw id-**dħul u n-nefqa tal-UE** biex neżaminaw jekk il-kontijiet annwali humiex affidabbli u jekk it-tranżazzjonijiet tal-introjtu u tan-nefqa, li fuqhom huma bbażati l-kontijiet, jikkonformawx mar-regoli finanzjarji applikabbli fil-livell tal-UE u f' dak tal-Istati Membri.

Barra minn hekk, nivvalutaw b' mod speċifiku **kull qasam prinċipali tal-baġit tal-UE**, ibbażat fuq is-(sub)intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Aħna nanalizzaw ukoll għalfejn u fejn ikunu seħħew ċerti żbalji, nagħmlu rakkomandazzjonijiet biex isir titjib kif ukoll neżaminaw jekk u kif ir-rakkomandazzjonijiet preċedenti tagħna jkunu ġew implimentati.

Dan ix-xogħol estensiv jifforma l-bażi għad-**Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni** tagħna, li aħna meħtieġa nipprovdur lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'konformità mal-mandat tagħna taħt it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.



Baġit tal-UE:
opinjonijiet favorevoli dwar il-kontijiet u d-dħul

Għas-sena finanzjarja 2021, aħna tajna **“opinjonijiet favorevoli”** dwar il-kontijiet u dwar id-dħul tal-UE.



Baġit tal-UE:
opinjonijiet avversa dwar in-nefqa


FI-2021, l-**infiq tal-UE** kien ta' **EUR 181.5 biljun**, l-ekwivalenti ta' 1.3 % tal-introjti nazzjonali grossi kkombinati tal-EU-27.

Għas-sena finanzjarja 2021, ħriġna **“opinjonijiet avversa”** dwar in-nefqa tal-UE.



Żball stmat 3.0 %
(nefqa baġitarja tal-2021)

Għas-sena finanzjarja 2021, aħna stmajna li l-livell ta' żball għan-nefqa baġitarja jinsab **bejn 2.2 % u 3.8 %**. Il-punt tan-nofs ta' din il-firxa, magħruf bħala r-**"rata tal-iżball l-aktar probabbli"**, żdied meta mqabbel mas-sena l-oħra, minn 2.7 % għal 3.0 %.



Nota: Aħna nużaw tekniki standard tal-istatistika biex nistmaw il-livell ta' żball. Nistgħu naffermaw, bi grad ta' fiduċja ta' 95 %, li l-livell ta' żball għall-popolazzjoni jinsab fil-firxa bejn il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball.



*Għal darba oħra, aktar minn 50 %
tal-popolazzjoni tal-baġit tal-UE li awditjajna
hija milquta minn żball materjali*

Għas-sena finanzjarja 2021, in-**nefqa b'riskju għoli** rrappreżentat **63.2 % tal-popolazzjoni li awditjajna**, meta mqabbel ma' 59 % is-sena l-oħra. Il-**livell ta' żball** stmat **għan-nefqa b'riskju għoli** kien ta' **4.7 %**, meta mqabbel ma' 4.0 % għas-sena finanzjarja 2020.


L-infiq tal-UE huwa kkaratterizzat minn **żewġ tipi ta' nefqa** li jinvolvu profili distinti ta' riskju:

- **Pagamenti bbażati fuq drittijiet, b'riskju baxx:** dawn, li huma bbażati fuq l-issodisfar, min-naħa tal-benefiċjarji, ta' ċerti kundizzjonijiet (inqas kumplessi), jinkludu fellowships għall-istudenti u għar-riċerka (taħt "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali"), għajjnuna diretta għall-bdiewa ("Riżorsi naturali u ambjent"), kif ukoll salarji u pensjonijiet għall-persunal tal-UE ("Amministrazzjoni pubblika Ewropea").
- **Rimborżi tal-ispejjeż, b'riskju għoli:** L-UE tirrimborża l-ispejjeż eliġibbli għal attivitajiet eliġibbli (li jinvolvu regoli aktar kumplessi). Dawn jinkludu proġetti ta' riċerka (taħt "Suq uniku, diġitali u innovazzjoni"), investiment fl-iżvilupp reġjonali u rurali ("Koeżjoni, reżiljenza u valuri" u "Riżorsi naturali u ambjent"), u proġetti ta' għajjnuna għall-iżvilupp ("Viċinat u dinja").



**L-aktar intestaturi tal-QFP
suxxettibbli għal żball kienu “Suq uniku,
diġitali u innovazzjoni” u
“Koeżjoni, reżiljenza u valuri”**

Għas-sena finanzjarja 2021, **“Suq uniku, diġitali u innovazzjoni”** kienet is-subintestatura tal-QFP li kienet **l-aktar suxxettibbli għal żball**, segwita minn **“Koeżjoni, reżiljenza u valuri”**.



**RRF: l-ewwel opinjoni dwar
in-nefqa**

FI-2021, għall-ewwel darba, xogħolna kopra n-**nefqa taħt l-RRF** fejn nipprovdu opinjoni separata dwar in-nefqa taħt din il-faċilità. Dan jirrifletti l-fatt li l-RRF hija strument temporanju mwassal u ffinanzjat b'mod li huwa fundamentalment differenti għall-infiq normali tal-baġit taħt il-QFP. Il-popolazzjoni li awditjajna kienet tinkludi l-uniku żborż tal-2021, pagament li sar lil Spanja li ammonta għal **EUR 11.5-il biljun**. It-talba Spanjola għall-pagament kienet tinkludi 52 stadju importanti, li Spanja qieset bħala li ntleħqu.

Aħna ħriġna opinjoni **favorevoli** dwar in-nefqa taħt l-RRF. Il-valutazzjoni tagħna bbażajnha fuq il-kundizzjoni għall-pagament, jiġifieri li l-istadji importanti u l-miri kienu ntleħqu b'mod sodisfaċenti. Għalhekk eżaminajna jekk il-Kummissjoni kinitx gābret evidenza suffiċjenti u xierqa biex issostni l-valutazzjoni li hija kienet wettqet ta' din il-kundizzjoni. Il-konformità mar-regoli tal-UE u dawk nazzjonali ma tagħmilx parti minn din il-valutazzjoni. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar li ksibna tindika li wieħed mit-52 stadju importanti li huma assoċjati mal-ewwel żborż lil Spanja ma ntleħaqx. Il-Kummissjoni kienet għadha ma ddefinietx metodu għall-kwantifikazzjoni tal-impatt relatat man-nuqqas ta' lħuq ta' stadju importanti jew mira. Il-fehma tagħna stess hija li l-iżball mhuwix materjali.



Każijiet ta' frodi suspettata li ġew irrappurtati lill-OLAF u lill-UPPE

Bħala l-awditur estern tal-UE, aħna ma għandniex mandat biex ninvestigaw każijiet ta' frodi suspettata. Għalhekk, l-awditi li nweqqju mhumiex maħsuba speċifikament biex jaqdbu l-frodi. Meta l-awdituri tagħna jidentifikaw każijiet li fihom nissuspettaw li jaf tkun saret attività frodulenti, aħna nirrappurtaw dawk il-każijiet lill-awtoritajiet kompetenti.

Fl-2022, aħna rrappurtajna **14-il każ ta' frodi suspettata** lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) wara li ġew identifikati matul ix-xogħol tal-awditjar li wettaqna. **Sitta minn dawk il-każijiet** ġew irrappurtati wkoll lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE). Fl-2021, irrappurtajna 15-il każ ta' frodi suspettata lill-OLAF u 2 minn dawk il-każijiet lill-UPPE. Ir-rapport annwali tagħna dwar il-baġit tal-UE jipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar in-natura tal-każijiet ta' frodi suspettata u dwar l-irkupri finanzjarji sussegwenti rakkomandati mill-OLAF.

Rapport annwali dwar il-prestazzjoni



Rapport annwali dwar il-prestazzjoni: l-aħħar sena tal-proġett pilota tagħna

Aħna qsamna r-rapport annwali tagħna f'żewġ partijiet separati bħala proġett pilota, li issa kkonkluda bir-rapport annwali għas-sena finanzjarja 2021. It-tieni parti tar-rapport annwali tkopri l-**prestazzjoni tal-programmi ta' nfiq taħt il-baġit tal-UE**.

It-tema prinċipali tar-rapport tal-2021 dwar il-prestazzjoni hija l-integrazzjoni ta' ħames prijoritajiet ta' politika orizzontali fil-baġit tal-UE:

- (i) il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima;
- (ii) il-preservazzjoni tal-bijodiversità;
- (iii) l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
- (iv) l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti; u
- (v) it-tranzizzjoni diġitali.

Eżaminajna jekk il-Kummissjoni **inkorporatx il-prijoritajiet ta' politika orizzontali fil-baġit tal-UE, ittraċċatx in-nefqa u rrapportatx b'mod preċiż dwar ir-riżultati**.

Eżaminajna wkoll jekk il-Kummissjoni **applikatx qafas ta' prestazzjoni xieraq** biex tkejjel l-appoġġ tal-baġit tal-UE għall-prijoritajiet trażversali tal-11-il programm magħżula.

Barra minn hekk, aħna **wettaqna segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar** li konna għamilna f'rapporti speċjali li ġew ippubblikati fl-2018.

Rapport Annwali dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2021



FEŻ: opinjoni favorevoli dwar il-kontijiet u d-dħul; opinjoni avversa dwar in-nefqa



Il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ), immedija fl-1959, kienu l-istrumenti prinċipali tal-UE biex tipprovdi **għajjnuna għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp** lil pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u lil pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej (PTEE). Huma jġu ffinanzjati mill-Istati Membri tal-UE u mmaniġġjati **barra mill-baġit tal-UE** mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI). Dawn se jkomplu jġu implimentati u rappurtati separatament sakemm jingħalqu.


Għall-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, l-għajjnuna għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-pajjiżi AKP u l-PTEE hija ffinanzjata mill-baġit tal-UE.

Fl-2021, l-infiq taħt il-FEŻ kien ta' **EUR 3.4 biljun**.

Bħal fi snin preċedenti, għas-sena finanzjarja 2021 aħna ħriġna **“opinjoni favorevoli”** kemm **dwar il-kontijiet tal-FEŻ** kif ukoll **dwar id-dħul**, iżda ħriġna **“opinjoni avversa”** **dwar in-nefqa taħt il-FEŻ**. Il-livell ta' żball stmat minna għan-nefqa huwa ta' 4.6 % (3.8 % għas-sena finanzjarja 2020).

Rapporti Annwali Speċifiċi dwar l-aġenziji tal-UE

L-aġenziji tal-UE huma entitajiet ġuridiċi distinti li ġew stabbiliti biex iwettqu kompiti speċifiċi fil-qasam tekniku, xjentifiku jew manixerjali li jgħinu lill-istituzzjonijiet tal-UE biex ifasslu u jimplimentaw il-politiki. B'kollox, hemm **44 aġenzija**.



Opinjoni favorevoli dwar l-aġenziji kollha tal-UE għajr waħda għas-sena finanzjarja 2021

Fis-sena finanzjarja 2021, il-**baġit totali tal-aġenziji kollha** taħt il-mandat tagħna (bl-esklużjoni tal-SRB) kien ta' **EUR 4.1 biljun**, ekwivalenti għal 2.5 % tal-baġit ġenerali tal-UE għall-2021. Iċ-ċifri korrispondenti għas-sena finanzjarja 2020 kienu EUR 3.7 biljun u 2.2 %.

B'mod ġenerali, l-awditu li wettaqna fir-rigward tal-aġenziji kkonferma r-riżultati pożittivi li kienu ġew irrappurtati fi snin preċedenti. Aħna ħriġna "**opinjonijiet favorevoli**" dwar il-kontijiet tal-44 aġenzija u dwar id-dħul. Iċ-certifikajna l-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet kollha tal-aġenziji, ħlief għall-Aġenzija għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA). Għal **din l-aġenzija**, ħriġna **opinjoni kwalifikata**, prinċipalment minħabba irregolaritajiet fil-proċeduri ta' akkwist.

Rapport Annwali Speċifiku dwar l-Impriżi Konġunti għas-sena finanzjarja 2021

L-Impriżi Konġunti (JU) huma s-sħubijiet pubbliċi-privati tal-UE bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-industrija, u f'xi każijiet organizzazzjonijiet tar-riċerka, organizzazzjonijiet intergovernattivi jew Stati Membri parteċipanti. Il-missjoni prinċipali tagħhom hija li jrawmu t-traduzzjoni tal-għarfien xjentifiku f'innovazzjonijiet rivoluzzjonarji kummerċjabbli fi fkan viżjoni strateġika li hija kondiviża mis-sħab fl-industrija u fir-riċerka.

Fl-2021, il-Kunsill adotta regolamenti ġodda li jstabbilixxu **11-il JU** biex jimplimentaw azzjonijiet taħt il-programmi Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, li huma l-programmi pluriennali ta' riċerka u innovazzjoni għall-perjodu finanzjarju 2021-2027. Dawn il-JUs jimplimentaw l-aġendi speċifiċi tagħhom ta' riċerka u innovazzjoni fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija, is-saħħa, l-industrija b'bażi bijoloġika, it-teknoloġiji diġitali ewlenin, is-supercomputing u s-sistemi intelliġenti tan-networks.

Mill-11-il JU, 8 diġà kienu qed joperaw taħt il-programm preċedenti (Orizzont 2020), u se jkomplu taħt il-programmi l-ġodda bħala entitajiet legali ġodda, b'ismijiet ġodda u mandati akbar jew kemxejn mibdula. Minbarra l-JUs li diġà qed operaw, ġew stabbiliti **tlieta oħra ġodda**: il-JU Networks u Servizzi Intelliġenti, il-JU Saħħa Globali u ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà. Il-QEA se tawditja lil dawn it-tliet JUs ġodda għall-ewwel darba wara li jkunu kisbu l-awtonomija finanzjarja tagħhom, li hija mistennija fl-2023.

Barra minn hekk, hemm JU oħra, "Fużjoni għall-Enerġija", li hija ffinanzjata mill-Euratom u hija responsabbli biex tipprovdi l-kontribuzzjoni tal-Ewropa għar-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER).



Opinjoni favorevoli dwar l-Impriżi Konġunti kollha għas-sena finanzjarja 2021

Fis-sena finanzjarja 2021, aħna ħriġna "**opinjonijiet favorevoli**" dwar il-kontijiet, id-dħul u l-pagamenti għall-JUs kollha.

Madankollu, bħal fi snin preċedenti, ħriġna l-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar il-kontijiet annwali tal-**JU "Fużjoni għall-Enerġija" (F4E)** għall-2021 flimkien ma' "**osservazzjoni**", prinċipalment biex niġbdu l-attenzjoni għar-riskju ta' aktar żidiet fl-ispejjeż u aktar dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett ITER.

Rapporti Annwali Speċifiċi dwar l-iskejjel Ewropej u dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

Fis-sena finanzjarja 2021, ħriġna r-rapport annwali tagħna dwar ir-rieżaminar tal-kontijiet annwali konsolidati tat-13-il **skola Ewropea**. Filwaqt li r-rieżaminar li wettaqna ma żvelax żbalji materjali fil-kontijiet, għadna ma konniex kapaċi nikkonfermaw li l-ġestjoni finanzjarja tal-Iskejjel kienet konformi għalkollox mar-Regolament Finanzjarju u mar-Regolamenti tal-Persunal.

Aħna nirrappurtaw kull sena wkoll dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jinħolqu b'riżultat tat-twettiq mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB), il-Kunsill u l-Kummissjoni tal-kompiti tagħhom skont ir-**Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni**. Fir-rapport tagħna dwar is-sena finanzjarja 2021, nikkonkludu li ma hemm xejn li laqat l-attenzjoni tagħna biex iġegħilna nemmnu li l-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, tal-Kummissjoni u tal-Kunsill, li jinħolqu mit-twettiq tal-kompiti ta' riżoluzzjoni tagħhom, huma materjalment iddikjarati b'mod skorrett.



*Ir-rapporti annwali tagħna:
il-bidu tal-proċedura ta' kwittanza
tal-Parlament Ewropew*

Il-pubblikazzjoni tar-rapporti annwali tagħna timmarka wkoll il-bidu tal-**proċedura ta' kwittanza**, li matulha l-Parlament Ewropew jiddeċiedi – fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill – jekk il-Kummissjoni u korpi oħra jkunux immaniġġjaw il-baġit tal-UE b'mod sodisfaċenti. Jekk dan ikun il-każ, huwa jagħtihom kwittanza.

F'Ottubru 2022, bdejna nippreżentaw ir-Rapporti Annwali 2021 tagħna lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew u lill-Kumitat tal-Baġit tal-Kunsill. Sussegwentement, ipprezentajniehom ukoll lill-Parlament Ewropew fis-sessjoni plenarja tiegħu u lill-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji.

Barra minn hekk, matul l-2022, ippreżentajna r-rapporti annwali tagħna lill-parlamenti nazzjonali/reġjonali u lill-gvernijiet ta' 21 Stat Membru.

Opinjoniġiet



Eżaminar tal-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni

Bħala l-awditur indipendenti estern tal-UE, nikkontribwixxu għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja billi noħroġu opinjonijiet dwar il-**proposti tal-Kummissjoni għal leġislazzjoni ġdida jew riveduta**. Meta dawn il-proposti leġislattivi jinvolvu impatt finanzjarju sinifikanti, id-dritt tal-UE jirrikjedi li niġu kkonsultati. Istituzzjonijiet oħra jistgħu wkoll jitolbuna noħroġu opinjonijiet dwar kwistjonijiet speċifiċi oħra. L-opinjoniġiet kollha tagħna jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

FI-2022, aħna ppubblikajna **tmien opinjonijiet ta' dan it-tip**. Dawn prinċipalment ikkonċernaw il-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni biex jiġu emendati r-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, iżda wkoll l-introduzzjoni ta' regoli ġodda dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, li jippermettu lill-Istati Membri jużaw il-pannijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs) biex jifinanzjaw il-Pjan REPowerEU, filwaqt li jistabbilixxu strateġija ta' finanzjament diversifikata bħala metodu ta' teħid b'self ġenerali, u Fond Soċjali għall-Klima.

Ġurnal tal-QEA

Kull edizzjoni tal-Ġurnal tal-QEA jkun fiha **artikli dwar tema speċifika**, l-aktar minn perspettiva tal-awditjar, mingħand kontributori li jaħdmu kemm fi ħdan, kif ukoll barra mill-istituzzjonijiet tal-UE.

FI-2022 ħriġna **żewġ edizzjonijiet**, waħda li tindirizza l-koeżjoni u n-Next Generation EU (“[Cohesion and Next Generation EU: concord or clash](#)” u l-oħra l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (“[The EU Recovery and Resilience Facility: a jump to a resilient Europe?](#)”).



Konferenzi u webinaris

Fl-2022, (b'mod konġunt) organizzajna wkoll għadd ta' konferenzi u webinaris, li kienu miftuħa għall-partijiet interessati.

Ta' hawn taħt huma żewġ eżempji.

Webinar tal-QEA dwar bidla fil-mudell għall-UE



Fid-29 ta' Ġunju 2022, bħala parti mill-Konferenza dwar il-futur tal-Ewropa, il-QEA organizzat, b'kollaborazzjoni mal-SAIs tal-Ġermanja, il-Litwanja u l-Iżvezja, webinar dwar bidla fil-mudell għall-UE ("Paradigm shift for the EU— new priorities for supreme audit institutions at EU and national level?"). Il-webinar kopra l-kwistjonijiet topiċi ħafna li ġejjin: il-migrazzjoni, l-effiċjenza fl-enerġija u d-difiża. Il-membri tal-bord skambjaw ideat dwar kif l-istituzzjonijiet tal-awditjar jistgħu jadattaw għall-mudell il-ġdid waqt li l-kompiti tagħhom jinbidlu. Il-webinar ta lill-parteċipanti ċ-ċans li jagħmlu l-mistoqsijiet u jressqu l-ideat tagħhom fl-ispirtu tal-Konferenza.

Seminar tal-QEA dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus



Fis-16 ta' Settembru 2022, il-QEA organizzat seminar ta' livell għoli dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. Rappreżentanti mill-istituzzjonijiet tal-UE, mill-Istati Membri, mill-FMI, mis-superviżjoni bankarja u mill-industrija nġabru biex jiddiskutu l-mudell il-ġdid tal-UE għas-superviżjoni b'rabta mal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu propost mill-Kummissjoni Ewropea u l-progress li kien sar fin-negozjati sa dak iż-żmien. Huma ddiskutew suġġetti

fosthom l-aspettattivi u l-fattibbiltà, l-implimentazzjoni effettiva, u l-miżuri favur il-validità fil-futur. Huma taw attenzjoni partikolari lill-arranġamenti ta' governanza proposti għall-Awtorità l-ġdida għall-Ġlieda Kontra l-ħasil tal-Flus (AMLA), u kif il-korp il-ġdid se jkun jista' jinteraġixxi b'mod effettiv ma' awtoritajiet ta' kontroll oħra fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali mingħajr ma jinħoloq piż regulatorju bla bżonn għall-industrija.

Trasformazzjoni diġitali tal-awditjar

Il-QEA tkompli ttejjeb l-effiċjenza tal-proċessi tal-awditjar tagħha billi ssaħħaħ l-integrazzjoni u l-interoperabbiltà tas-sistemi eżistenti tagħha. B'mod parallel, hija implimentat attivitajiet ta' awtomatizzazzjoni, ta' awditjar tal-IT u ta' analitika avvanzata tad-*data* bħala parti mill-pjan ta' żvilupp għal **użu aħjar mit-teknoloġija għall-awditjar**. Komplet ukoll l-attivitajiet ta' innovazzjoni tagħha bil-għan li tidentifika teknoloġija emerġenti li tista' tintuża b'modi ġodda biex tappoġġa x-xogħol tal-awditjar.



Laqgħat u avvenimenti ibridi

Il-pandemija naqqset kemm l-ostakli teknoloġiċi kif ukoll dawk psikoloġiċi biex in-nies u l-organizzazzjonijiet jaħdmu u jiltaqgħu mill-bogħod, u fl-istess ħin itejbu l-ħiliet diġitali tagħhom. Il-QEA ma kinitx eċċezzjoni. Il-laqgħat mill-bogħod jew ibridi issa jintużaw b'mod regolari għal-laqgħat ta' ħidma, speċjalment ma' partijiet ikkonċernati esterni bħall-entitajiet awditjati u korpi tal-UE u internazzjonali oħra, u b'hekk inaqqsu l-għadd ta' missjonijiet għal-livell neċessarju biex jintlaħqu l-objettivi tal-istituzzjoni.

Il-kmamar għal-laqgħat tagħna armajniehom b'soluzzjonijiet ta' livell għoli għall-vidjokonferenzi, filwaqt li għamilna disponibbli soluzzjonijiet li jistgħu jinġarru, u b'hekk ippermettejna li l-laqgħat tal-gruppi jsiru minn kull rokna tal-binjiet tal-QEA.

Fl-aħħar nett, ikkonvertejna kamra għal-laqgħat waħda fi studjo televiżiv virtwali, li jippermetti r-reġistrazzjoni u l-istreaming bil-kwalità tax-xandir ta' sessjonijiet ta' informazzjoni għall-istampa, konferenzi ibridi b'servizz ta' interpretar jew avvenimenti oħra bi skopijiet ta' informazzjoni jew edukazzjoni, u b'hekk appoġġajna l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-istituzzjoni.



Integrazzjoni diġitali u awtomatizzazzjoni

ECAFiles, li hija s-soluzzjoni li ġiet stabbilita ftit snin ilu għall-iskambju sikur ta' dokumenti u *data* mal-entitajiet awditjati, ġiet integrata bis-sistema prinċipali tagħna għall-ġestjoni tal-awditjar, ASSYST, u bis-sistema li timmaniġġja l-proċess ta' approvazzjoni, CLEAR, u b'hekk il-komunikazzjoni mal-entitajiet awditjati matul l-awditu ġiet issimplifikata u ttejjbet.

F'każijiet fejn l-aċċess programmatiku għall-bażijiet ta' *data* ma kienx possibbli, aħna nedejna s-servizz ta' awtomatizzazzjoni tal-proċess robotiku fl-2021. Dan offra alternattiva għat-tniżżil, l-issejvjar u l-iċċekkjar manwali ta' dokumenti mill-bażijiet ta' *data*, dment li d-dokumenti jsiru disponibbli fil-format utilizzabbli mitlub.



Servizzi ta' analitika avvanzata tad-data

It-tim il-ġdid, li twaqqaf fl-2021 għad-D.A.T.A. (*Data* u Teknoloġija għall-Awditjar) kompli jaħdem fuq l-implimentazzjoni tal-pjan ta' żvilupp għal użu aħjar mit-teknoloġija b'appoġġ għall-oġġettivi tal-awditjar tal-QEA.

Il-membri tat-tim D.A.T.A. ħadmu mill-qrib mat-timijiet tal-awditjar biex jifhmu l-proċessi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. Skont il-komplessità tal-ħtieġa, ix-xogħol varja minn attivitajiet ta' konsulenza fuq terminu qasir għal parteċipazzjoni fuq skala sħiħa f'kompiti tal-awditjar.

It-tim D.A.T.A. mexxa bosta proġetti fil-QEA kollha, jew ħa sehem fihom: esperti tad-*data* għat-task force dwar l-NGEU, il-ħolqien ta' komunità tax-xjenza tad-*data* għall-awdituri, u l-valutazzjoni u l-fattibbiltà ta' magna tat-tiftix semantiku għall-produzzjoni tal-QEA stess.

Stabbilejna wkoll "infrastruttura għax-xjenza tad-*data*" li tippermetti l-ipproċessar tad-*data* u l-analiżi avvanzata u l-viżwalizzazzjoni primarjament ta' settijiet ta' *data* mhux strutturata u big data.

B'mod parallel, f'Ottubru 2022 id-dipartiment tal-IT tagħna nieda "maħżen virtwali tad-*data* bħala servizz", li jippermetti lill-utent jipproċessa u janalizza *data* strutturata bi gradi differenti ta' awtonomija, li jvarjaw mill-ksib ta' rapporti predefiniti għal utenti bażiċi għall-ipproċessar ta' *data* u l-ħolqien ta' rapporti *ad hoc* u viżwalizzazzjonijiet għal utenti esperti.



Innovazzjoni

Il-kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet supremi tal-awditjar mill-Istati Membri tal-UE dwar **Teknoloġija u Innovazzjoni għall-Awditjar** fil-kuntest tan-network u l-pjattaforma TiNA kompliet. Saru 11-il avveniment online ta' TiNA dwar suġġetti li jvarjaw mill-awditjar taċ-ċibersigurtà u t-trasferiment sikur tad-*data* għall-użu ta' għodod speċifiċi għall-analitika tad-*data* u l-estrazzjoni ta' proċessi.

Il-QEA kompliet tkun involuta b'mod attiv fil-grupp tat-Teknoloġija emerġenti tal-Kumitat Interistituzzjonali għat-Trasmazzjoni Diġitali, fejn ħadmet biex tintroduċi teknoloġiji bħall-intelliġenza artifiċjali, ir-realtà awmentata jew il-blockchain fl-istituzzjonijiet tal-UE. Inġhata bidu għal proposta għal proġett konġunt għall-ingranaġġ ta' teknoloġiji ta' reġistru distribwit biex l-iskambji mal-entitajiet awditjati jkomplu jkunu sikuri.

Relazzjonijiet istituzzjonali

Aħna naħdmu mill-qrib mal-**Parlament Ewropew**, mal-**Kunsill**, mal-**parlamenti nazzjonali/reġjonali** u mal-**gvernijiet tal-Istati Membri**, billi l-impatt ta' xogħolna jiddependi fil-biċċa l-kbira mill-użu li huma jagħmlu mis-sejbiet tal-awditjar u mir-rakkomandazzjonijiet tagħna.

Il-Parlament Ewropew

Fl-2022, il-Parlament Ewropew (PE) gradwalment reġa' fetaħ il-parteċipazzjoni fiżika regolari fil-plenarja u l-laqqgħat tal-kumitati għal istituzzjonijiet u korpi oħra. B'riżultat ta' dan, l-għadd totali ta' apparenzi tal-QEA, li fl-2022 fil-biċċa l-kbira saru fiżikament, naqsu kemxejn għal 134, meta mqabbla ma' 147 fl-2021, meta kollha saru mill-bogħod.



Il-kumitati u l-korpi tal-PE, b'mod partikolari l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT), regolarment jistiednu lill-**membri u lit-timijiet tal-awditjar tal-QEA** biex jippreżentaw ir-riżultati tax-xogħol tagħna fil-laqqgħat tagħhom.

B'kolloxx, fl-2022, il-Membri tagħna **ppreżentaw 16-il rapport speċjali u rapport analitiku wieħed lill-CONT**. Huma **pparteċipaw ukoll f'16-il seduta ta' smiġh pubblika tal-CONT dwar il-kwittanza għall-2021**, inkluża l-preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2021 tagħna minn Tony Murphy, il-President tal-QEA.

Barra minn hekk, il-membri taw **27 preżentazzjoni dwar ir-rapporti speċjali u r-rapporti analitiċi lil 14-il kumitat ieħor tal-PE**, l-aktar waqt laqqgħat konġunti ma' kumitati interessati oħra.

F'Marzu 2022, il-**Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati** stiednet lill-President tal-QEA għal skambju ta' fehmiet dwar il-Programm ta' Ħidma 2022+ tagħna u dwar il-konsultazzjoni dwar il-Programm ta' Ħidma 2023+. Klaus Heiner Lehne, eks President tal-QEA, f'Mejju ħa sehem fil-**plenarja tal-PE b'rabta mal-kwittanza għall-2020**. F'Ottubru, il-**President tal-QEA Tony Murphy iltaqa' mal-President tal-PE Roberta Metsola u ppreżenta r-Rapport Annwali 2021 lill-plenarja tal-PE**. Il-membri tal-AWLA II Itaqgħu wkoll mal-Koordinaturi tar-REGI f'Ġunju biex jiddiskutu l-kooperazzjoni ulterjuri, u l-Kumitat CONT żar il-QEA f'Novembru biex ikollu skambju ta' fehmiet mal-kulleġġ.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

L-għadd totali ta' apparenzi mill-QEA żdied sostanzjalment għal 82 fl-2022, meta mqabbel ma' 68 fl-2021.

Bħala regola, il-korpi preparatorji tal-Kunsill jittrattaw ir-rapporti speċjali kollha tagħna f'qasir żmien wara l-pubblikazzjoni, iżda mhux neċessarjament ir-rapporti analitiċi u l-opinjoni kollha. Fl-2022, ippreżentajna **26 rapport speċjali u 3 opinjonijiet** lil 19-il kumitat u grupp ta' ħidma differenti tal-Kunsill.

Fl-2022, ir-rappreżentanti tal-QEA attendew ukoll għal 29 laqgħa li kienu ddedikati għall-kwittanza tal-baġit tal-UE għas-snin finanzjarji 2020 u 2021. Barra minn hekk, il-Kumitat tal-Baġit tal-Kunsill stieden lill-maniġment tal-QEA biex jippreżenta l-Programm ta' Ħidma 2023+ tagħna u l-abbozz ta' baġit tagħna għall-2023.



Presidenza tal-Kunsill
Franza: Jannar – Ġunju 2022
Ir-Repubblika Ċeka: Lulju – Diċembru 2022

Minħabba t-tnaqqis tar-restrizzjonijiet b'rabta mal-COVID-19, ir-rappreżentanti tal-QEA setgħu mill-ġdid jipparteċipaw fiżikament fil-biċċa l-kbira mil-laqgħat fil-Kunsill tal-UE. Madankollu, xi interazzjonijiet xorta għadhom isiru mill-bogħod. Il-modi l-ġodda ta' ħidma ppermettewlna noffru aktar interazzjonijiet mal-Kunsill tal-UE, bħal sessjonijiet ta' informazzjoni tekniċi mmirati dwar xi rapporti lir-Rappreżentanzi Permanenti għall-UE.

F'Lulju 2022, l-eks President tal-QEA Klaus-Heiner Lehne itaqa' mal-prim ministru, mal-ministru għall-affarijiet tal-UE u mal-ministru għall-finanzi Ċeki biex jiddiskutu l-prijoritajiet tal-Presidenza tal-Kunsill. F'Settembru, il-Membri tal-QEA Iliana Ivanova u Jan Gregor ipparteċipaw f'laqgħa informali mal-ministri responsabbli mill-politika ta' Koeżjoni. F'Novembru, il-President tal-QEA Tony Murphy itaqa' kemm mal-prim ministru kif ukoll mal-ministru għall-finanzi Żvediżi. F'Diċembru 2022, il-President tal-QEA Tony Murphy flimkien mal-Membri tal-QEA Jan Gregor itaqgħu mal-Ministru għall-Finanzi Ċek fil-kapaċità tiegħu bħala President tal-ECOFIN, qabel il-preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2021 lill-ministri għall-finanzi tal-UE. Barra minn hekk, fl-2022 il-Membri u l-maniġment tal-QEA pparteċipaw f'14-il laqgħa mar-rappreżentanti tar-Rappreżentanzi Permanenti għall-UE.

Parlamenti nazzjonali/reġjonali u gvernijiet tal-Istati Membri




Laqgħat mal- parlamenti nazzjonali/reġjonali

Fl-2022, il-Membri u l-persunal tagħna ppreżentaw ix-xogħol tagħna fi **88 laqgħa mal-parlamenti nazzjonali/reġjonali f'20 Stat Membru.**



Laqgħat mal- gvernijiet tal-Istati Membri

Fl-2022, il-Membri u l-maniġment tagħna ppreżentaw ix-xogħol tagħna f'**133 laqgħa mal-gvernijiet u l-korpi governattivi tal-Istati Membri fi 22 Stat Membru.**



Il-Kummissjoni Ewropea



*Skambju ta' fehmiet
mal-entitajiet awditjati tagħna fl-ogħla livell*

Il-Membri tal-QEA u l-Kummissarji għandhom kuntatti bilaterali regolari dwar kompiti tal-awditjar ipplanati u li għadhom għaddejnin.

Għal bosta snin, kienet ukoll prattika stabbilita sew li l-Membri tagħna jkollhom **laqgħa annwali** mal-kontropartijiet tagħhom fil-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-laqgħat jipprovdu opportunità biex jittieħed rendikont, u biex nirriflettew dwar kif nistgħu nkomplu nsaħħu l-kooperazzjoni tagħna.



F'Ġunju 2022, din it-tradizzjoni kompliet meta l-eks President tal-QEA Lehne stieden lill-kulleġġ tal-Kummissarji fil-Lussemburgu. Huwa kellu laqgħa bilaterali mal-President von der Leyen. Il-Membri tal-QEA u l-Kummissarji ltaqgħu f'erba' gruppi ta' diskussjoni li ffukaw fuq l-oqsma li ġejjin: il-Patt Ekoloġiku Ewropew; it-tranżizzjoni diġitali; id-dimensjoni globali; u l-baġit tal-UE li jmxexxi l-irkupru Ewropew/rabta mal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE.

Kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet supremi tal-awditjar oħra

Kumitat ta' Kuntatt tal-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar tal-UE

Il-kooperazzjoni tagħna mal-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar (SAIs) tas-27 Stat Membru sseħħ prinċipalment fi ħdan il-qafas tal-**Kumitat ta' Kuntatt tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-UE**. Dan il-forum jiffaċilita d-djalogu u l-iskambju bejn l-SAIs tal-Istati Membri tal-UE u l-QEA.

Fl-2022, aħna komplejna l-Awditjar tan-Network tal-UE dwar il-COVID-19, li rriżulta fil-pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-Kumitat ta' Kuntatt ta' bosta skedi informattivi dwar ix-xogħol pertinenti li l-SAIs wettqu fl-2020 u fl-2021 dwar dan is-suġġett. Komplejna wkoll l-attività ta' kooperazzjoni tagħna dwar l-awditjar tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u tal-pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Għal dawn tal-aħħar, il-manigġers tal-awditjar u l-awdituri li jirrappreżentaw it-22 SAI tal-UE ltaqgħu regolarment u ddiskutew l-awditi tagħhom li kienu ffinalizzaw, li kienu għaddejnin u li kellhom ipplanati b'rabta mal-NGEU.



Laqgħa annwali tal-2022

F'Mejju 2022, aħna ospitajna l-**laqgħa annwali** tal-Kumitat ta' Kuntatt. Din kienet l-ewwel laqgħa fiżika tal-kapijiet tal-SAls tal-UE mill-2019 'il hawn, wara l-avveniment ta' livell għoli li sar online f'Novembru 2021. Id-diskussjonijiet prinċipali ffukaw fuq il-kompiti strateġiċi u l-isfidi għall-SAls tal-UE fil-valutazzjoni tal-valur miżjud tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali.



SAIs ta' pajjiżi kandidati tal-UE u tal-pajjiżi kandidati potenzjali tal-UE

Aħna nappoġġjaw ukoll l-**SAIs tal-pajjiżi kandidati tal-UE** (l-Albanija, il-Moldova, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja, it-Turkija u l-Ukrajna) u tal-**pajjiżi kandidati potenzjali tal-UE** (il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo²).

FI-2022, tajna appoġġ lis-SIGMA (Appoġġ għal Titjib fil-Governanza u l-Ġestjoni), li hija inizjattiva konġunta tal-OECD u tal-Unjoni Ewropea, fit-tmexxija ta' laqgħa tan-**Network tal-SAls tal-pajjiżi kandidati u tal-pajjiżi kandidati potenzjali** f'Pariġi.

² Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mar-Riżoluzzjoni 1244 (1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-sitwazzjoni li tikkonċerna l-Kosovo (UNSCR 1244/1999) u l-Opinjoni Konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ) dwar il-kwistjoni tal-Konformità mad-dritt internazzjonali tad-dikjarazzjoni unilaterali ta' indipendenza fir-rigward tal-Kosovo tat-22 ta' Lulju 2010.

INTOSAI

Fl-2022, komplejna bl-involvement attiv tagħna fl-attivitajiet tal-**Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (INTOSAI)**. Bħala Viċi President tal-Kumitat tal-Istandards Professjonali (PSC), ipprovdjuna input lit-Task Force tal-INTOSAI dwar l-Ippjanar Strateġiku u kkollaborajna b'mod attiv mal-Presidenti l-oħra tal-Għan. F'Settembru ospitajna wkoll il-21 laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-PSC, fejn ir-rapport dwar il-modernizzazzjoni tal-qafas ta' standards, immexxi mill-QEA, ġie adottat b'suċċess.

F'Novembru 2022 attendejna l-**XXIV Kungress tal-INTOSAI (INCOSAI)** f'Rio de Janeiro. Dan il-Kungress isir kull tliet snin. Huwa l-korp suprem tal-INTOSAI, fejn jittieħdu l-aktar deċiżjonijiet amministrattivi importanti tal-organizzazzjoni. Fil-Kungress ġie adottat il-Pjan Strateġiku tal-INTOSAI għall-perjodu 2013-2028 u, wara l-SAI tal-Brażil, kienet il-QEA li bdiet taqdi r-rwol ta' **President tal-PSC**. F'din il-kapaċità, il-QEA issa hija membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-INTOSAI.

Aħna pparteċipajna wkoll fis-sottokumitati tal-PSC kif ukoll fl-attivitajiet u l-proġetti ta' **korpi ta' ħidma** oħra **tal-INTOSAI**, notevolment dwar l-awditjar ambjentali, il-Big Data, il-modernizzazzjoni finanzjarja u r-riforma regolatorja, kif ukoll l-evalwazzjoni tal-politiki u l-programmi pubbliċi. Barra minn hekk, mexxejna l-proġett għall-aġġornament tal-ISSAI 140 dwar il-ġestjoni tal-kwalità għall-SAIs, u kkollaborajna mal-Inizjattiva ta' Żvilupp tal-INTOSAI (IDI) dwar it-tfassil ta' gwida għall-implimentazzjoni tal-istandard il-ġdid.

EUROSAI

Aħna konna wkoll involuti b'mod attiv fl-attivitajiet tal-**Organizzazzjoni Ewropea tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (EUROSAI)**, il-grupp reġjonali Ewropew tal-INTOSAI, b'mod partikolari l-gruppi ta' ħidma tagħha dwar l-awditjar ambjentali, dwar it-teknoloġiji tal-informazzjoni, u dwar l-awditjar ta' fondi allokatu għal diżastri u katastrofijiet, u n-network għall-etika.

Fl-2022, komplejna nsegwu l-ħidma tal-grupp tal-proġett dwar "**Preparing for future risks and climate crisis: Time for audit to take a long-term view?**" (immexxi b'mod konġunt mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar tar-Renju Unit) fil-kuntest tal-portafoll "Forward thinking and emerging issues". Barra minn hekk, aħna kkontribwejna b'mod attiv għall-grupp tal-proġett dwar l-awditjar tar-rispons għall-COVID-19.

Il-maniġment tagħna

Membri

Il-QEA topera bħala **korp kolleġġjali** ta' Membri, wieħed minn kull Stat Membru. Wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill jaħtar kull Membru ladarba l-gvernijiet nazzjonali rispettivi tagħhom ikunu nnominawhom. Aħna ma għandniex rwol fil-proċess tan-nomina jew tal-ħatra tal-Membri tagħna.

Il-Membri tagħna jinħatru għal **mandat ta' sitt snin li jista' jiġġedded**. Huma jwettqu l-funzjonijiet tagħhom f'**indipendenza sħiħa** u fl-interess ġenerali tal-UE. Hekk kif jieħdu l-kariga, huma jintrabtu solennement f'dan ir-rigward quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Fl-2022, il-Kunsill ħatar lil Membru Sloven ġdid, Jorg Kristijan Petrovič (mis-7 ta' Mejju), Membru Netherlandiż ġdid, Stef Blok (mill-1 ta' Settembru), Membru Malti ġdid, George Marius Hyzler (mill-1 ta' Ottubru), Membru Ċiprijott ġdid, Lefteris Christoforou (mit-2 ta' Novembru) u Membru Litwan ġdid, Laima Liucija Andrikiene (mis-16 ta' Novembru). Barra minn hekk, il-Kunsill ġedded il-mandati tal-Membru Ċek, Jan Gregor, tal-Membru Latvjan, Mihails Kozlovs, u tal-Membru Pollakk, Marek Opioła, għal perjodu ulterjuri ta' sitt snin (mis-7 ta' Mejju).

Il-Membru Netherlandiż tagħna, Alex Brenninkmeijer, sfortunatament miet fl-14 ta' April 2022.

Il-proċedura ta' nomina b'rabta mal-ħatra ta' Membru Portugiż ġdid kienet għadha għaddejja fi tmiem l-2022.

Fl-2022 saru 25 laqgħa tal-kulleġġ. Ir-rata ta' attendenza f'dawn il-laqgħat kienet ta' 93 %. Il-Membri pparteċipaw ukoll fil-laqgħat tal-awli u tal-kumitati (ara wkoll [Awli u kumitati tal-awditjar](#)).



Seminar 2022 tal-QEA:
*intejbu l-effiċjenza tagħna u
 nagħmlu l-aqwa użu mir-riżorsi
 tagħna f'awditi futuri*

Darba fis-sena, il-Membri tagħna, is-Segretarju Ġenerali u d-diretturi jmorru **seminar ta' jumejn** biex jiddiskutu kwistjonijiet importanti relatati mal-istrateġija, il-ħidma u l-organizzazzjoni fit-tul tal-QEA.

Matul is-**Seminar tal-QEA** ta' din is-sena, il-Membri ddiskutew is-suġġetti ewlenin li ġejjin:

- modi biex niksbu titjib ulterjuri fl-effiċjenza u l-produttività waqt li nkunu qed infasslu r-rapporti speċjali tagħna;
- kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni Prattika tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-QEA; u
- il-Programm ta' Ħidma 2023+.

President

Il-President huwa inkarigat mill-istrateġija tal-istituzzjoni, l-ippjanar u l-ġestjoni tal-prestazzjoni, il-komunikazzjoni u r-relazzjonijiet mal-media, ir-relazzjonijiet istituzzjonali, il-kwistjonijiet legali u l-awditjar intern. Il-President jirrappreżenta wkoll il-QEA fir-relazzjonijiet esterni tagħha.

Il-Membri tagħna jeleġġu wieħed minn fosthom bħala **President** għal perjodu ta' tliet snin li jista' jiġġedded. Il-persuna eletta mbagħad tassumi r-rwol tal-ewwel fost il-pari (*primus inter pares*), tippresiedi l-laqqgħat tal-kulleġġ u tiżgura li d-deċiżjonijiet tiegħu jiġu implimentati.

Fl-1 ta' Ottubru 2022, **Tony Murphy** issostitwixxa lil **Klaus-Heiner Lehne** bħala President tal-QEA.



Il-President
Tony MURPHY

Awla I

Użu sostenibbli
tar-riżorsi
naturali



(Dekan)
Joëlle
ELVINGER

Awla II

Investiment għall-
koeżjoni, it-
tkabbir
u l-inklużjoni



(Dekan)
Annemie
TURTELBOOM

Awla III

Azzjoni esterna,
sigurtà u ġustizzja



(Dekan)
Bettina
JAKOBSEN

Awla IV

Regolamentazzjoni
tas-swieq u
ekonomija
kompetittiva



(Dekan)
Mihails
KOZLOVS

Awla V

Finanzjament u
amministrazzjoni
tal-Unjoni



(Dekan)
Jan
GREGOR

Membri
inkarigat mill-
**Kontroll tal-
Kwalità tal-
Awditjar**



Iliana
IVANOVA



Pietro
RUSSO



Eva
LINDSTRÖM



Baudilio TOMÉ
MUGURUZA



Ildikó
GÁLL-PELCZ



Ladislav
BALKO



Nikolaos
MILIONIS



Helga
BERGER



Hannu
TAKKULA



Ivana
MALETIĆ



Jorg Kristijan
PETROVIĆ




Klaus-Heiner
LEHNE



Stef
BLOK



Viorel
ȘTEFAN



François-Roger
CAZALA



Lefteris
CHRISTOFOROU



Keit PENTUS-
ROSIMANNUS



George Marius
HYZLER



Marek
OPIOŁA



Laima Liucija
ANDRIKIENĖ

Nota: Fi Frar 2023.

Awli tal-awditjar u kumitati

Il-Membri jiġu assenjati f'waħda mill-**ħames awli tal-awditjar**, fejn il-biċċa l-kbira mir-rapporti tal-awditjar, ir-rapporti analitiċi u l-opinjoni tagħna jiġu adottati. L-awli tal-awditjar jallokaw il-kompiti tagħhom fost il-Membri tagħhom. Kull Membru għandu obbligu ta' rendikont lejn l-awla, u lejn il-kulleġġ, għall-kompiti tal-awditjar proprji tiegħu. L-awdituri professjonali li jaħdmu għad-direttorati tal-awli tal-awditjar iwettqu x-xogħol tal-awditjar.

Il-Membri għal kull awla tal-awditjar jagħżlu Dekan għal perjodu ta' sentejn li jista' jiġġedded. Fil-11 ta' Ottubru 2022, id-**Dekani tal-ħames awli tal-awditjar tagħna** kienu Joëlle Elvinger, Annemie Turtelboom, Bettina Jakobsen, Mihails Kozlovs u Jan Gregor.

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Kwalità tal-Awditjar (AQCC) jittratta kemm il-politiki, l-istandards u l-metodoloġija tal-awditjar tal-QEA, kif ukoll l-appoġġ u l-iżvilupp tal-awditjar u l-kontroll tal-kwalità tal-awditjar tagħha. Huwa magħmul minn Membru wieħed minn kull awla tal-awditjar u, mit-2 ta' Novembru 2022, huwa ppresedut minn Iliana Ivanova.

Il-Kumitat Amministrattiv (KA) u, fejn ikun xieraq, il-kulleġġ tal-Membri, it-tnejn li huma ppreseduti mill-President, jieħdu deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet strateġiċi u amministrattivi usa'. Il-Kumitat Amministrattiv huwa magħmul mill-President, id-Dekani tal-awli, il-President tal-AQCC, u l-Membru għar-Relazzjonijiet Istituzzjonali (fl-10 ta' Ottubru 2022, Eva Lindström).

Fl-2022, il-laqgħat tal-awli, tal-KA u tal-AQCC b'kollox ammontaw għal 113, 15 u 10, rispettivament. Ir-**rata ta' attendenza** f'dawn il-laqgħat kienet ta' 95 %, 94 % u 89 %, rispettivament.

Kumitati oħra jinkludu l-**Kumitat tal-Etika** (ippresedut minn Joëlle Elvinger), il-**Kumitat tal-Awditjar Intern** (ippresedut minn Hannu Takkula), u l-**Bord Konsultattiv dwar il-Prospettiva** (ippresedut minn Helga Berger).

Il-maniġment superjuri tagħna huwa magħmul mis-**Segretarju Ġenerali** u d-**diretturi**. B'kollox, hemm 10 direttorati, fejn 5 huma assenjati għall-awli tal-awditjar, 1 għall-AQCC, 1 għall-Presidenza u 3 għas-Segretarjat Ġenerali.



**Mariusz
POMIENSKI**
Direttur
Awla I



**Martin
WEBER**
Direttur
Awla II



**Gerhard
ROSS**
Direttur
Presidenza



**Pilar
CALVO FUENTES**
Direttur
Direttorat Lingwistiku u Editorjali



**Bertrand
ALBUGUES**
Direttur
Awla III



**Veronica
ARDELEAN**
Direttur
Riżorsi Umani, Finanzi
u Servizzi Ġenerali



**Zacharias
KOLIAS**
Segretarju
Ġenerali



**Ioanna
METAXOPOULOU**
Direttur
Awla IV



**Geoffrey
SIMPSON**
Direttur
Kumitat għall-
Kontroll tal-Kwalità
tal-Awditjar



**José
CARRASCOSA MORENO**
Direttur *ad interim*
Informazzjoni, Ambjent
tax-Xogħol u Innovazzjoni



**Alejandro
BALLESTER
GALLARDO**
Direttur
Awla V

Nota: Fi Frar 2023.

Kejl tal-prestazzjoni


Aħna napplikaw sett ta' **indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni** (KPIs) biex inżommu lill-maniġment tal-Qorti infurmat dwar il-progress li jkun sar lejn l-ilħuq tal-għanijiet strateġiċi tagħna, biex jiġi appoġġat it-teħid ta' deċiżjonijiet u biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-Qorti lill-partijiet ikkonċernati istituzzjonali tagħha. Aġġornajna l-KPIs biex nappoġġaw l-istrateġija tagħna għall-perjodu 2021-2025. Is-sett ta' KPIs li ġej jipprovdi stampa ġenerali tal-prestazzjoni tagħna bħala organizzazzjoni f'dak li jirrigwarda d-disseminazzjoni, l-impatt u l-perċezzjoni tax-xogħol tagħna:

- għadd ta' rapporti ppubblikati (meta mqabbel mal-pjan);
- preżenza fil-media;
- impatt u perċezzjoni tax-xogħol tagħna (feedback mill-partijiet ikkonċernati);
- drabi fejn nidhru quddiem istituzzjonijiet oħra, parlamenti nazzjonali/reġjonali u gvernijiet tal-Istati Membri, kif ukoll attivitajiet internazzjonali;
- implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA.



29 rapport ippublikati fl-2022

Ippublikajna **29 rapport** meta mqabbla mat-32 fl-2021. Dawn kienu jikkonsistu fi 28 rapport speċjali u rapport analitiku wieħed.



Preżenza fil-media



2022: żieda sinifikanti fil-kopertura mill-media

Fl-2022, aħna rreġistrajna madwar **130 000 artiklu online u post fuq il-media soċjali** relatati mar-rapporti tal-awditjar tagħna, ma' pubblikazzjonijiet oħra jew mal-QEA inġenerali. Dan jirrappreżenta żieda sinifikanti fil-kopertura meta mqabbla ma' snin preċedenti (2021: 67 000; 2020: 32 000).



Il-kopertura mill-media tista' tvarja b' mod sostanzjali skont is-suġġett u l-kumplessità ta' rapport. Fatturi esterni, bħal avveniment importanti jew żvilupp ta' politika, jistgħu wkoll jinfluenzaw l-interess mill-media fil-pubblikazzjonijiet tagħna. Barra minn hekk, waqt l-emerġenzi, bħall-pandemija tal-COVID-19 jew il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, l-attenzjoni tal-media hija partikolarment iffukata fuq materjal rilevanti għall-kriżi.



Interazzjoni mal-istampa

Mil-lockdown tal-COVID-19 'il hawn, ippromwovejna l-pubblikazzjonijiet tagħna virtwalment, u dan ippermettelnha nżidu l-kuntatti mal-ġurnalisti.

Fl-2022, ħriġna **41 stqarrija għall-istampa** b'24 lingwa tal-UE, kif ukoll noti ta' informazzjoni, avviżi għall-media u dikjarazzjonijiet awdjo (lesti għall-użu) b'ċerti lingwi. Tajna wkoll għadd ta' **intervisti** ma' mezzi ewlenin tal-media fl-Ewropa kollha, li jkopru r-radju, it-TV u l-gazzetti stampati. Barra minn hekk, organizzajna **14-il sessjoni ta' informazzjoni għall-istampa online**, u 9 sessjonijiet ta' informazzjoni għall-istampa addizzjonali speċifiċi għall-pajjiż għar-rapport annwali. B'kollox, is-sessjonijiet ta' informazzjoni tagħna attiraw 350 ġurnalist, li l-biċċa l-kbira minnhom jirrappreżentaw mezzi ewlenin tal-media nazżjonali fl-Istati Membri tal-UE.




1 000 000 żjara u nofs
fis-sit web tal-QEA

Fl-2022, il-ħqana 'l fuq minn **1 000 000** żjara u nofs fis-sit web tagħna, li kienu jinvolvu madwar **600 000** viżitatur uniku.



2022: l-għadd ta' segwaċi
fuq il-media soċjali kompli
jiżdied

Sa tmien l-2022, it-tliet profili tal-media soċjali tagħna (Twitter, LinkedIn, Facebook) kienu attiraw 'il fuq minn **45 000** segwaċi, jiġifieri żieda minn 39 000 fl-2021.



Impatt u perċezzjoni tax-xogħol tagħna




Mir-rispondenti għall-istħarriġiet tagħna, 82 % jsibu li r-rapporti tagħna huma utli għal xogħolhom

Aħna nivvalutaw l-**impatt u l-utilità probabbli ta' xogħolna**, skont il-perċezzjoni tal-qarrejja tar-rapporti tagħna fil-Parlament Ewropew, fil-Kunsill, fil-Kummissjoni, fl-aġenziji tal-UE, fir-rappreżentanzi permanenti tal-Istati Membri, fl-aġenziji tal-Istati Membri u l-SAIs, fl-NGOs, fl-istituzzjonijiet akkademiċi, fil-media u f'partijiet ikkonċernati oħra.

Mill-2018 'il hawn, wettaqna stħarriġiet elettroniċi anonimizzati biex nitolbu lill-qarrejja tagħna jipprovdu **feedback kwalitattiv dwar rapporti magħżula** u jagħmlu suġġerimenti ġenerali għall-ħidma tagħna.

Fl-2022, **82 % ta' madwar 450 risponent** kienu jqisu li r-rapporti tagħna kienu utli għax-xogħol tagħhom u **78 %** kienu jqisu li dawn kellhom impatt. Dan huwa simili għar-riżultat tas-sena li għaddiet (2021: 83 % u 79 %, rispettivament).



Drabi fejn nidhru quddiem istituzzjonijiet oħra, parlamenti nazzjonali/reġjonali u gvernijiet tal-Istati Membri, kif ukoll attivitajiet internazzjonali




Livell għoli ta' interazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tagħna

Kumplessivament fl-2022, l-interazzjoni tagħna mal-partijiet ikkonċernati Ewropej u internazzjonali tagħna reġgħet laqgħet livell għoli. Ippreżentajna r-riżultati ta' xogħolna f'**437 okkażjoni** quddiem il-kumitati tal-Parlament Ewropew, il-korpi preparatorji tal-Kunsill, il-parlamenti nazzjonali/reġjonali, u l-gvernijiet tal-Istati Membri (2021: 419).

Barra minn hekk, ipparteċipajna f'**178 attività internazzjonali**. Dawn kienu jinkludu l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali tal-awditjar pubbliku, b'mod partikolari l-INTOSAI u l-EUROSAI, kif ukoll avvenimenti bilaterali ma' SAIs oħra, konferenzi, laqgħat, u attivitajiet mmirati lejn udjenza usa' (2021: 154).

- Il-Parlament Ewropew
- Parlamenti nazzjonali/reġjonali
- Attivitajiet internazzjonali
- Il-Kunsill tal-UE
- Gvernijiet tal-Istati Membri




Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA



*Ir-rakkomandazzjonijiet li għamilna fl-2018
kważi kollha ġew
implimentati*

Aħna nkejlu l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħna fuq il-bażi tas-**segwitu mwettaq mill-awdituri tagħna**. Għall-2022, analizzajna r-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Kummissjoni u lil istituzzjonijiet oħra fir-rapporti tagħna tal-2018.

L-analiżi kienet turi li, mir-**rakkomandazzjonijiet** li ngħataw segwitu, **100 %** mill-**14** li għamilna fir-**Rapport Annwali 2018** tagħna, u **85 %** tat-**325** li għamilna fir-**rapporti speċjali tagħna għall-2018** kienu ġew implimentati jew bis-sħiħ, jew f'xi wħud mill-aspetti, jew inkella fil-biċċa l-kbira mill-aspetti.



Il-persunal tagħna

Allokazzjoni tal-persunal

Fi tmiem l-2022, kellna **873 post permanenti u temporanju** (853 fis-snin preċedenti). L-20 post addizzjonali ngħataw mill-awtorità baġitarja fuq bażi temporanja għall-awditu tal-inizjattiva NGEU. Minn dawn il-postijiet 549 kienu f'awli tal-awditjar, inklużi 104 postijiet fil-kabinetti tal-Membri.



Barra minn hekk, kellna **91 membru tal-persunal bil-kuntratt** u **33 espert nazzjonali sekondat** jaħdmu magħna fi tmiem is-sena (2021: 92 u 25 rispettivament).

Reklutaġġ

Il-politika ta' reklutaġġ tagħna ssegwi l-prinċipji ġenerali u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-istituzzjonijiet tal-UE, u l-membri tal-persunal tagħna għandhom **firxa wiesgħa ta' kwalifiki akkademiċi u esperjenza professjonali**.


Fl-2022, irreklutajna **107 impjegati ġodda** (2021: 80 impjegat): 33 uffiċjal, 47 membru tal-persunal temporanju, 16-il membru tal-persunal bil-kuntratt, u 11-il espert nazzjonali sekondat.

Il-**programm ASPIRE** tagħna għall-awdituri ġie introdott fl-2017 u huwa maħsub biex jgħin l-integrazzjoni professjonali ta' membri tal-persunal ġodda, u jippermettilhom jiksbu esperjenza fuq il-post tax-xogħol f'kompiti tal-awditjar differenti kif ukoll jieħdu sehem f'attivitajiet ta' taħriġ immirati matul l-ewwel tliet snin tagħhom.


Aħna pprovdejna wkoll **60 internship** (2021: 56) għal gradwati universitarji, li damu minn 3 sa 5 xhur. Fl-2022, it-trainees tagħna ħadmu b'mod ibridu simili għal persunal ieħor tal-QEA għas-sessjonijiet ta' Marzu, Mejju u ta' Ottubru, u b'hekk ġew ikkombinati x-xogħol fuq il-post u dak mill-bogħod.

Profil tal-etajiet

Tliet kwarti (76 %) tal-persunal tagħna fis-servizz attiv fi tmiem l-2022 kellhom bejn **40 u 59 sena**, l-istess bħal fl-2021.





72 % tal-manigġers tagħna għandhom **50 sena jew aktar** (2021: 73 %). Dan se jwassal għal tiġdid tal-manigġment matul il-5 sa 10 snin li ġejjin, meta jirtiraw.



Opportunitajiet indaq

B' mod ġenerali, aħna nimpjegaw **proporzjonijiet indaq ta' nisa u rġiel fil-forza tax-xogħol tagħna.**





Aħna impenjati li noffru **opportunitajiet indaqs tal-karriera** għall-membri tal-persunal tagħna fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni. Nimpjegaw proporzjonijiet indaqs ta' nisa u rġiel, u aktar minn terz (39 %) tad-diretturi u tal-manigġers prinċipali tagħna kienu nisa fl-2022 (36 % fl-2021).

Il-proporzjon ta' manigġers prinċipali nisa fl-awditjar fil-QEA laħaq il-**41.4 %** (37.5 % fl-2021), li huwa 'l fuq mill-mira tal-2027 ta' 40 %. F'konformità mal-pjan ta' [Azzjoni dwar id-Diversità u l-Inklużjoni \(2021-2025\)](#) tal-QEA, fl-2022 ippubblikajna l-ewwel rapport annwali dwar id-D&I (għall-2021). Tajna bidu wkoll, għall-ewwel darba, għal awditu tal-aċċessibiltà għall-binjiet tal-QEA.

Bl-istess mod, aħna nibqgħu impenjati li niksbu **bilanċ ġeografiku fil-manigġment tagħna**.

Etika

Fl-2022, il-QEA aġġornat żewġ dokumenti importanti mill-**qafas etiku** tagħha: il-Linji Gwida dwar l-Etika, u l-politika biex jiġi żgurat ambjent tax-xogħol rispettuż u ħieles mill-fastidju. L-aġġornament tal-Linji Gwida dwar l-Etika sar wara evalwazzjoni tal-qafas tal-etika minn konsulent estern li pprovda għadd ta' rakkomandazzjonijiet.

Il-Kumitat tal-Etika tal-QEA jiddiskuti kwalunkwe kwistjoni etika li huwa jqis bħala rilevanti għall-istandards u r-reputazzjoni tal-QEA, inkluża l-valutazzjoni tal-attivitajiet esterni tal-Membri tagħha. Huwa magħmul minn tliet membri maħtura mill-kulleġġ fuq il-bażi ta' proposta mill-President għal mandat ta' tliet snin (bil-possibbiltà li jiġġedded darba): żewġ Membri tal-QEA u membru estern magħżula fuq il-bażi tal-ħiliet, l-esperjenza u l-kwalitajiet professjonali tagħhom.

Appoġġ għall-awditjar

Metodoloġija tal-awditjar



AWARE

Il-pjattaforma diġitali interna tagħna **AWARE (Accessible Web-based Audit Resource)** tiddekrivi l-metodoloġija u l-gwida tagħna dwar l-awditjar. Is-sena l-oħra din għamiltonieha disponibbli fuq is-**sit web** tagħna. Din tipprovdi **punt uniku ta' aċċess** għall-pubbliku għall-metodoloġija tal-awditjar tagħna.




Taħriġ professjonali



2022: il-miri tat-taħriġ professjonali nqabżu

Fl-2022, erġajna qbiżna l-**mira tat-taħriġ professjonali** ta' ħamest ijiem taħriġ mhux lingwistiku fis-sena għall-awdituri, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti, u jumejn għall-membri tal-persunal li mhumiex awdituri.

L-awdituri tagħna attendew għal medja ta' **6.9 ijiem taħriġ mhux lingwistiku** (8.5 fl-2021 u 5.4 fl-2020), li minnhom **5.0 ijiem** kienu taħriġ relatat mal-attivitajiet prinċipali (relatati mal-awditjar). Il-persunal mhux tal-awditjar tagħna attenda għal medja ta' **3.6 ijiem taħriġ** (4.2 fl-2021 u 3.1 fl-2020). Dan it-tnaqqis minn sena għal oħra fiż-żewġ indikaturi jista' jiġi spjegat mir-ritorn gradwali tat-taħriġ fil-klassijiet/wiċċ imb wiċċ, li jipprovdi esperjenza ta' apprendiment aħjar, iżda fih innifsu jakkomoda inqas nies mill-alternattivi online.





Taħriġ imfassal apposta għall-awdituri

Filwaqt li nistinkaw b'mod kostanti biex nipprovdu offerta ta' taħriġ varjata, aħna tajna attenzjoni partikolari lil **taħriġ relatat mal-attivitajiet prinċipali (relatati mal-awditjar)**. Dan immaterjalizza f'għadd ta' korsijiet ġodda u inizzjattivi ġodda, bħal dawk deskritti hawn taħt:

- **Taħriġ relatat mal-oqsma ta' politika:** Waħda mill-prijoritajiet ewlenin fl-2022 kienet li jiżjed u jittejjeb l-għarfien dwar l-oqsma tal-awditjar tagħna/il-politiki tal-UE, b'kooperazzjoni mal-awli tal-awditjar tagħna. Taħt din l-inizzjattiva organizzajna **12-il** sessjoni.
- Qasam ġdid li ngħata ħafna mill-attenzjoni tagħna kien dak tan-**Next Generation EU (NGEU)**, u b'mod partikolari l-**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)**. L-inizzjattiva emblematika ta' taħriġ tagħna kienet kors ta' taħriġ fuq jumejn dwar l-RRF, li wassalna b'kooperazzjoni mal-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika. Organizzajna sitt edizzjonijiet ta' dan il-kors online maħsub biex jgħin lill-parteċipanti jifhmu d-dettalji u l-ispeċifitajiet tar-Regolament dwar l-RRF u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali tal-Istati Membri għall-irkupru u r-reżiljenza.
- **Programmi ta' taħriġ ġodda għall-Kapijiet ta' Kompiti u dwar l-użu tad-*data* u t-teknoloġija fl-awditjar:** aħna ffinalizzaja l-Qafas ta' Kompetenza għall-Kapijiet ta' Kompiti, li serva ta' bażi għat-tnejja ta' programm ta' taħriġ iddedikat strutturat madwar it-tliet kompetenzi ewlenin li l-Kapijiet ta' Kompiti jenħtieġ li jkollhom: il-ġestjoni tal-proġetti, il-komunikazzjoni effettiva u t-tmexxija. B'kooperazzjoni mat-Tim D.A.T.A tal-QEA, bdejna ntejbu l-ħiliet tal-kollegi tagħna fil-qasam tal-awditjar f'dak li jikkonċerna l-użu tad-*data* u t-teknoloġija.



Taħriġ u ħolqien ta' sensibilizzazzjoni għall-ambjent ibridu l-ġdid

Organizzajna taħriġ għall-membri tal-persunal u l-manijers tagħna dwar kif jinnavigaw ir-realtà ibrida l-ġdida mindu daħlet fis-seħħ id-deċiżjoni l-ġdida dwar ix-xogħol ibridu f'April 2022. Il-**programm "Lura l-uffiċċju"**, li beda f'Ġunju u baqa' għaddej sa Ottubru, inkluda attivitajiet differenti bħal korsijiet ta' taħriġ, preżentazzjonijiet, sessjonijiet ta' ħidma, u kompetizzjoni fotografika. F'Novembru 2022 ġie organizzat kors obligatorju għall-manijers.

Komplejna l-programm ta' taħriġ tagħna għall-**konsulenti tal-karriera, mentors, faċilitaturi interni, u persuni ta' kuntatt kunfidenzjali** u tajna bidu għal programm ta' kkworċjar intern ġdid dwar ir-reżiljenza.

Traduzzjoni

FI-2022, ittraduċejna u rrevedejna 'l fuq minn **203 000 paġna** (2021: 227 003), li jinkludu 21 133 paġna ta' xogħol esternalizzat. Minbarra dan, it-tradutturi tagħna pparteċipaw ukoll fl-attivitajiet tal-awditjar tagħna, billi offrew **appoġġ lingwistiku** kemm matul iż-żjarat tal-awditjar, il-laqgħat online jew ibridi kif ukoll fil-**kitba tar-rapporti**. Barra minn hekk, kienu involuti f'**xogħol ta' komunikazzjoni**, fejn taw pariri lingwistiċi u tejbu l-kwalità billi fasslu messaġġi apposta għall-udjenza fil-mira, pereżempju permezz ta' adattament kulturali.

Għall-ewwel darba, ittraduċejna fil-pront il-prodotti kollha tal-QEA għall-Irlandiż, u b'hekk dawn ġew ippubblikati fil-ħin.

Ċibersigurtà



*2022: sena kruċjali
għaċ-ċibersigurtà*

Il-kriżi tal-COVID-19 ġabet magħha żieda esponenzjali fiċ-**ċiberkriminalità u l-attakki ċibernetiċi sostnuti mill-Istat**. It-tim tal-QEA li huwa responsabbli mis-sigurtà tal-IT kellu, aktar minn qatt qabel, il-piż kbir li jżomm is-servizzi tal-IT tagħna sikuri. Dan ma setax jinkiseb mingħajr l-appoġġ preżżjuż tal-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters, is-CERT-EU.

L-implimentazzjoni tal-**pjan dwar iċ-ċibersigurtà għall-perjodu 2022-2024** bdiet b'għadd rilevanti ta' azzjonijiet li diġà twettqu jew qegħdin jitwettqu. Barra minn hekk, taħt il-patrunaġġ tas-CERT-EU, żviluppajna pjan direzzjonali biex nevolvju għal **mudell ta' sigurtà Zero Trust**, li huwa wieħed mill-prinċipji li jmxexxi l-pjan dwar iċ-ċibersigurtà. L-ewwel sistema li timplimenta dan il-mudell il-ġdid hija l-pjattaforma ta' aċċess mill-bogħod il-ġdida li fl-ewwel kwart tal-2023 se tissostitwixxi s-soluzzjoni attwali bbażata fuq il-VPN.

FI-2022 saru diversi **kampanji ta' phishing**, inkluża kampanja li twettqet fil-livell interistituzzjonali. Il-kampanji kellhom riżultati tajbin: irregiſtrajna żieda fl-għadd ta' membri tal-persunal tal-QEA li identifkaw u rrapportaw il-messaġġi mibgħuta bl-iskop ta' phishing.

Is-CERT-EU pprova sessjoni ddedikata għall-maniġment ta' livell għoli tal-QEA, biex jinfurmahom dwar ix-xenarju tat-theddidd attwali u l-prijoritajiet strateġiċi li jeħtieġ jiġu indirizzati.

Matul is-sena, is-Segretarju Ġenerali approva politika ġdida dwar l-illoggjar u l-awditu tas-sistemi tal-IT. Il-politika l-ġdida hija intiża biex isserraħ ras l-utenti u tipprovdi trasparenza dwar l-użu ta' **data** mill-awditu u l-illoggjar tas-sistema filwaqt li tiżgura s-sigurtà tas-sistemi tagħna.

FI-aħħar nett, il-QEA kienet attiva fit-tkejjija tar-regoli interistituzzjonali l-ġodda dwar iċ-ċibersigurtà. Għad li attwalment għadhom qed jiġu approvati, il-QEA diġà qed tapplika ħafna mid-dispożizzjonijiet tagħhom.

Binjiet



*Post tax-xogħol
inklużiv, sikur u
li jirrispetta l-ambjent*

Nemmnu b’mod ferm li post tax-xogħol tajjeb huwa essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi tal-QEA. L-impatt dirett fuq il-benesseri tal-persunal jikkontribwixxi biex il-QEA ssir post tax-xogħol attraenti.

Il-viżjoni tagħna hija li lill-impjegati kollha nipprovdulhom post tax-xogħol sostenibbli, b’ambjent tax-xogħol kollaborattiv, orjentat lejn il-benesseri, sikur, inklużiv u li jirrispetta l-ambjent.

Attwalment aħna l-proprjetarji ta’ **tliet binjiet** (“K1”, “K2” u “K3”) li joperaw bħala entità teknika integrata waħda. Nikru wkoll uffiċċji fil-Lussemburgu għaċ-ċentru tagħna ta’ rkupru f’każ ta’ diżastru.

K1

Il-binja K1, li nfetħet fl-1988, fiha **uffiċċji li jesgħu sa 310 membri tal-persunal**, u fiha wkoll kmamar għal-laqqgħat.

Il-binja K1 ġiet immodernizzata fl-2008 biex issir konformi mar-rekwiżiti nazzjonali tas-saħħa, tas-sikurezza u tal-ambjent. Kull fejn possibbli, it-teknoloġija f’K1 ġiet adattata biex tkun kompatibbli ma’ dik użata f’K2 u K3.

K2

Il-binja K2 nfetħet fl-2003. Hija tipprovdi **uffiċċji li jesgħu sa 241 membru tal-persunal**, kmamar għal-laqqgħat, sala tal-konferenzi b’kabini tal-interpretazzjoni, kmamar għall-vidjokonferenzi, kafetterija u spazji bażiċi għall-kċejjen.

Il-binja K2 ġiet rinnovata biex tiġi ottimizata l-organizzazzjoni tal-ispazji tax-xogħol tagħha u jittejjbu l-istallazzjonijiet tekniċi tagħha, biex b’hekk isiru aktar effiċjenti mil-lat ambjentali.

K3

Il-binja K3 nfetħet fl-2012. Is-sular ta’ isfel jikkonsisti fil-kantin, kafetterija u kmamar tat-taħriġ. Hemm ukoll **uffiċċji li jesgħu sa 503 membri tal-persunal**, kmamar għal-laqqgħat u kamra tal-IT. Il-binja K3 ġiet ikklassifikata bħala “tajba ħafna” skont BREEAM, li huwa l-metodu ewlieni dinji għall-evalwazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tas-sostenibbiltà tal-bini.



Is-sede tal-QEA fil-Plateau de Kirchberg, il-Lussemburgu.

Ġestjoni ambjentali

Bħala istituzzjoni tal-UE, aħna għandna d-dmir li napplikaw il-prinċipju tal-ġestjoni ambjentali tajba fl-attivitajiet kollha tagħna. Għalhekk, aħna impenjati li **naqqsu kontinwament l-impatt tagħna fuq l-ambjent**. Kull sena, nimmonitorjaw u nanalizzaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġġenerati mill-attivitajiet tagħna.

Il-QEA hija kburiya biċ-**ċertifikazzjoni** EMAS (Skema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali) li kisbet. Noperaw b'suċċess **sistema ta' ġestjoni ambjentali li hija konformi mal-EMAS**, u nikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni ISO 14001:2015.

L-awditu estern ta' verifikazzjoni tal-EMAS sar f'Ottubru 2022. Ir-risultati kienu ta' suċċess, ma nstab ebda nuqqas ta' konformità u ġew identifikati ħafna prattiki tajba. B'risultat ta' dan, iċ-ċertifikazzjoni EMAS tagħna għall-perjodu 2023-2025 ġiet approvata.



Azzjonijiet biex nindirizzaw il-kriżi tal-enerġija

Il-QEA se tieġu passi ulterjuri biex tikseb it-tnaqqis ta' 15 % fil-konsum tal-gass propost f'Lulju li għadda fil-pjan tal-Kummissjoni u l-Kunsill "Niffrankaw il-gass għal xitwa sikura". Il-QEA se tieġu inkunsiderazzjoni wkoll ir-rakkomandazzjoni li ħareġ dan l-aħħar il-Gvern tal-Lussemburgu biex it-temperatura tal-binjiet operati mill-awtoritajiet pubbliċi tiġi llimitata għal 20 C.

Fl-2022, awditu tal-enerġija tal-binjiet tal-QEA ppropoza diversi opzjonijiet għall-iffrankar tal-enerġija u, b'risultat ta' dan attwalment qed jiġi implimentat pjan ambizzjuż biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija.



Pjan direzzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet sal-2030

Fl-2022, nedejna proġett biex innaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Huwa bbażat fuq tliet fatturi mexxejja ewlenin:

- o innaqqsu l-impatt ambjentali tal-binjiet tagħna;
- o nadottaw mobbiltà li tirrispetta l-ambjent, filwaqt li nieħdu inkunsiderazzjoni l-ħtieġa li jitwettqu missjonijiet tal-awditjar fuq il-post, billi din hija faċilitatur fundamentali tax-xogħol tal-awditjar tagħna;
- o inrawmu s-sensibilizzazzjoni u l-impenn tal-membri tal-persunal.



Rappurtar dwar is-sostenibbiltà

L-ewwel [Rapport tal-QEA dwar is-sostenibbiltà](#) li jikkorrispondi għas-sena 2021, ġie adottat mill-kulleġġ f'Settembru 2022. L-oġġettiv bażiku tar-responsabbiltà korporattiva huwa li jiġi żgurat li l-attivitajiet ta' organizzazzjoni jkollhom impatt pożittiv fuq is-soċjetà, l-ambjent u l-ekonomija. Dawn huma t-tliet pilastri bażiċi li fuqhom topera r-responsabbiltà korporattiva, jew is-sostenibbiltà. Is-sostenibbiltà għaldaqstant tindirizza l-etika tal-attivitajiet ta' organizzazzjoni, u kif topera b'mod li jkun vijabbli fuq perjodu twil.

Is-sostenibbiltà hija aktar minn sempliċement ekoloġizzazzjoni. Għandha x'taqsam ukoll mal-impatt ekonomiku, l-etika u l-governanza, ir-rispett għal-liġijiet u għar-regolamenti u, fuq kollox, in-nies. Fil-QEA, inqisu li l-persunal tagħna huwa l-aktar ass siewi li għandna, u nimplimentaw firxa sħiħa ta' inizjattivi u azzjonijiet li jottimizzaw il-benesseri tal-persunal.

Ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn l-impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali tal-operazzjonijiet li nwettqu meta nawditjaw jekk il-fondi tal-UE humiex qed jappoġġaw tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Ewropa u fid-dinja kollha. Huwa jipprovdi wkoll informazzjoni dwar l-impatt tal-istruttura tagħna u l-modi li bihom noperaw mil-lat amministrattiv sabiex inwettqu din il-missjoni.

Ir-rapport tal-QEA dwar is-sostenibbiltà se jsir riżultat tanġibbli annwali tal-QEA li se jiġi ppubblikat fuq is-sit web tagħna.

L-obbligju ta' rendikont tagħna

Informazzjoni finanzjarja

L-istituzzjoni tagħna hija ffinanzjata mill-baġit tal-UE taħt l-intestatura tan-nefqa amministrattiva.

Fl-2022, il-baġit tagħna ammonta għal madwar EUR 162.1 miljun.

Il-baġit tagħna jirrappreżenta madwar 1.5 % tan-nefqa amministrattiva totali tal-UE (inqas minn 0.1 % tal-infiq totali tal-UE).

Implimentazzjoni tal-Baġit 2022

| SENA FINANZJARJA 2022 | Approprjazzjonijiet finali | Impenji | % ta' użu (impenji/ approprjazzjonijiet) | Pagamenti |
|---|----------------------------|--------------------|--|----------------|
| Titolu 1: Persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni | | | | (elf EUR) |
| 10 – Membri tal-istituzzjoni | 11 590 | 11 084 | 96 % | 10 630 |
| 12 – Uffiċjali u persunal temporanju | 120 203 | 118 984 | 99 % | 118 984 |
| 14 – Persunal ieħor u servizzi esterni | 9 089 | 9 055 | 99 % | 8 783 |
| 162 – Missjonijiet | 1 647 | 1 647 | 100 % | 1 227 |
| 161 + 163 + 165 – Nefqa oħra relatata ma' persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni | 2 752 | 2 564 | 93 % | 2 156 |
| Subtotal għat-Titolu 1 | 145 281 | 143 334 | 99 % | 141 780 |
| Titolu 2: Binjiet, beni mobbli, apparat u nefqa operatorja mixxellanja | | | | |
| 20 – Beni immobbli | 4 908 | 4 905 ³ | 99 % | 2 274 |
| 210 – IT u telekomunikazzjoni | 8 879 | 8 879 | 100 % | 5 617 |
| 212 + 214 + 216 – Beni mobbli u kostijiet relatati | 847 | 783 | 92 % | 534 |
| 23 – Nefqa amministrattiva kurrenti | 540 | 478 | 89 % | 378 |
| 25 – Laqgħat, konferenzi | 381 | 185 | 48 % | 138 |
| 27 – Informazzjoni u pubblikazzjoni | 1 305 | 1 145 | 88 % | 834 |
| Subtotal għat-Titolu 2 | 16 860 | 16 375 | 97 % | 9 775 |
| Total għall-QEA | 162 141 | 159 709 | 99 % | 151 555 |

³ Inkluż riport b'deċizzjoni.

Baġit 2023

Il-Baġit 2023 jirrappreżenta **żieda ta' 7.97 %** fuq iċ-ċifra tal-2022.

| SENA FINANZJARJA 2022 | 2023 | 2022 |
|---|----------------|----------------|
| Titolu 1: Persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni | | (elf EUR) |
| 10 – Membri tal-istituzzjoni | 11 777 | 11 715 |
| 12 – Uffiċjali u persunal temporanju | 131 876 | 120 838 |
| 14 – Persunal ieħor u servizzi esterni | 9 779 | 8 444 |
| 162 – Missjonijiet | 2 453 | 2 452 |
| 161 + 163 + 165 – Nefqa oħra relatata ma' persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni | 2 601 | 2 732 |
| Subtotal għat-Titolu 1 | 158 486 | 146 181 |
| Titolu 2: Binjiet, beni mobbli, apparat u nefqa operatorja mixxellanja | | |
| 20 – Beni immobbli | 4 274 | 3 778 |
| 210 – IT u telekomunikazzjoni | 8 452 | 8 228 |
| 212 + 214 + 216 – Beni mobbli u kostijiet relatati | 894 | 944 |
| 23 – Nefqa amministrattiva kurrenti | 588 | 574 |
| 25 – Laqgħat, konferenzi | 580 | 675 |
| 27 – Informazzjoni u pubblikazzjoni | 1 786 | 1 761 |
| Subtotal għat-Titolu 2 | 16 574 | 15 960 |
| Total għall-QEA | 175 060 | 162 141 |

Nota: Iċ-ċifri rrapportati jirrigwardaw il-baġit inizjali.

Awditjar intern u estern

Awditjar intern

Is-**Servizz tal-Awditjar Intern** (IAS) tagħna jipprovdi servizzi indipendenti u oġġettivi ta' aċċertament u ta' konsulenza maħsuba biex iżidu l-valur u jtejbu l-operazzjonijiet tal-QEA. L-IAS jassisti lill-QEA fit-twettiq tal-istrateġija u l-oġġettivi tagħha billi jadotta approċċ sistematiku u dixxiplinat sabiex jevalwa u jtejjeb l-effettività tal-governanza, l-immaniġjar tar-riskju u l-kontroll intern tal-QEA. L-IAS jirrapporta lill-**Kumitat tal-Awditjar Intern**, li huwa magħmul minn tliet Membri tal-QEA u minn espert estern. Il-Kumitat jimmonitorja regolarment il-progress tad-diversi kompiti stipulati fil-programm ta' ħidma annwali tal-IAS u jiżgura l-indipendenza ta' dan is-servizz.

Fl-2022, l-IAS kompli jirrieżamina l-politika tal-QEA dwar il-ġestjoni tar-riskju u ħareġ rapporti għal żewġ kompiti: "Governanza tal-IT", "Il-proċess ta' reklutaġġ". L-IAS iffinalizza wkoll ix-xogħol prinċipali tal-awditjar għal żewġ kompiti oħra, "Il-politika tal-QEA dwar il-bini – Ir-rinnovazzjoni tal-binja K2" u "Il-proċessi ta' evalwazzjoni u promozzjoni" li għalihom se jinħarġu rapporti fl-2023.

B'mod ġenerali, ix-xogħol tal-IAS **ma żvelax xi nuqqasijiet** li, min-natura jew il-kobor tagħhom, ikunu jixħtu dubju fuq l-affidabbiltà kumplessiva tas-sistemi ta' kontroll intern stabbiliti mill-uffiċjal awtorizzanti b'delega biex jiżguraw il-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet finanzjarji tagħna fl-2022.

Awditjar estern

Il-kontijiet annwali tagħna jiġu awditjati minn **awditur indipendenti estern**. Dan huwa importanti, billi juri li aħna napplikaw l-istess prinċipji tat-trasparenza u tal-obbligu ta' rendikont għalina nfusna bħalma napplikaw għall-entitajiet li nawditjaw.

L-awditur estern tagħna – ACG Auditing & Consulting Group S.r.l. – ippubblika r-rapport tiegħu dwar il-kontijiet tagħna għas-sena finanzjarja 2021 fil-5 ta' Mejju 2022, u ħareġ opinjoni favorevoli

Opinjoni tal-awditur estern tagħna – sena finanzjarja 2021

Dwar ir-rapporti finanzjarji tagħna:

“Fl-opinjoni tagħna, ir-rapporti finanzjarji jagħtu stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Qorti fil-31 ta’ Diċembru 2021, u tar-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).”

Dwar l-użu li aħna għamilna mir-riżorsi u mill-proċeduri ta’ kontroll:

“Fuq il-bażi tax-xogħol deskritt f’dan ir-rapport, hija l-fehma tagħna li l-Qorti kkonformat, fl-aspetti materjali kollha, mal-kriterji deskritti hawn fuq:

- *ir-riżorsi assenjati lill-Qorti ntużaw għall-iskopijiet intenzjonati tagħhom;*
- *il-proċeduri ta’ kontroll stabbiliti jipprovdu l-garanziji meħtieġa biex jiżguraw il-konformità tal-operazzjonijiet finanzjarji mar-regoli u r-regolamenti applikabbli.”*

DRITT TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2023

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkancelła u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

L-użu mill-ġdid tar-ritratti li ġejjin huwa awtorizzat dment li jiġu indikati d-detentur tad-drittijiet tal-awtur, is-sors u, fejn ikun meħtieġ, l-ismijiet tal-fotografi:

Pp. 6, 20, 30, 31 (it-tnejn li huma), 38 u 39: © L-Unjoni Ewropea, 2022, sors: il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

P. 34: © L-Unjoni Ewropea, 2022, sors: il-Parlament Ewropew / Alexis Haulot.

P. 61: © GLOBAL VIEW SPRL – fotografu: Simon Schmitt. Periti tal-binjiet: Paul Noël (1988) u Jim Clemes (2004 & 2013).

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jista' jkun meħtieġ li titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur:

P. 12 (fuq nett, fuq ix-xellug): © depositphotos.com/ mrdoomits.

P. 12 (fuq nett, fuq il-lemin): © depositphotos.com/ Xavier Lejeune.

P. 12 (ċentrali, fuq ix-xellug): © depositphotos.com/ adriaticphoto.

P. 12 (ċentrali, fin-nofs): © depositphotos.com/ halfpoint.

P. 12 (ċentrali, fuq il-lemin): © depositphotos.com/ fran11.

P. 12 (isfel nett): © stock.adobe.com/ denizbayram.

P. 15: © stock.adobe.com/ Weyo.

P. 16: © shutterstock.com/ jamesteohart.

P. 17: © Getty Images / Tonkovic.

P. 18: © stock.adobe.com/ Negro Elkha.

P. 19: © depositphotos.com/ Tashatuvango.

P. 26: © depositphotos.com.

P. 26: © shutterstock.com/ Billy Miaron.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fi ħdan id-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuq dawn, inti mħegġegħ tirrieżamina l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea